**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 11**
**Rik. Gur. Nru. 153/08 JZM**

**Ronnie Spiteri ID 211371M**

***u***

**Stephen Azzopardi ID 154067M**

***kontra***

**1) Paza Limited C-15494**

**2) Roc-A-Go Crane Services Limited**

**3) Jason Zammit**

***u***

**b` digriet tal-20 ta` Mejju 2009 gew kjamati fil-kawza Victor Micallef u Louis Micallef**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-<u>14 ta` Frar 2008</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi fis-17 ta` Frar 2006 ir-rikorrenti kienu qed jahdmu b`inkarigu tas-socjeta` intimata Paza Limited fi Triq in-Naxxar, San Gwann iwahhlu poster ma` billboard li kien imwahhal ma` hajt ta` ghalqa, fejn kienu qieghdin jahdmu minn go gagga tal-hadid li kienet sospiza f`gholi ta` madwar zewg sulari u nofs mill-art permezz ta` crane proprjeta` tas-socjeta` intimata Roc-A-Go Crane Services Limited, u liema crane kienet qed tigi operata mill-intimat l-iehor Jason Zammit.*

*2. Illi f`hin minnhom din il-gagga inqalghet minn mal-ganc tal-crane li ma kellux safety catch (lock) u waqghet ghal isfel bir-rikorrenti maqbuda go fiha, bil-konsegwenza li r-rikorrenti sofrew griehi serji u dizabilita` permanenti fuq il-persuna taghhom, u r-rikorrent Stephen Azzopardi kien sahansitra fil-periklu tal-mewt, skont kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-intimati u dan skont ma ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*4. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha kagunati lir-rikorrenti b`konsegwenza ta` dan l-incident huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara illi l-intimati huma flimkien u in solidum responsabbli ghall-incident li fih sfaw korruti r-rikorrenti fis-17 ta` Frar 2006 fi Triq in-Naxxar, San Gwann.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana occorrendo bl-opra ta` periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu flimkien u solidament lir-rikorrenti id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta` Novembru 2006 kontra l-intimati li qieghdin jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat il-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited fil-21 ta` April 2008 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament in-nullita` tal-proceduri stante illi l-atturi ma setghux jippromwovu proceduri ghad-danni konguntivament kif sar fil-proceduri odjerni.*

*2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi se mai l-incident ma setax sehh tort tas-socjeta` esponenti (li zammet il-crane fi stat tajjeb ta` manutenzjoni) pero` tort ta` Jason Zammit li fil-mument kien qieghed jopera l-crane.*

*3. Illi s-socjeta` esponenti kienet diga` nfurmat b`dan lill-atturi permezz ta` ittra (Dok A).*

*4. Illi ghalhekk is-socjeta` esponenti m`ghandha tbati l-ebda spejjez.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` d-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut Jason Zammit fit-22 ta` April 2008 li taqra hekk :–

*1) Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident de quo mhuwiex responsabbli l-eccipjenti.*

*2) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti qieghed jikkontesta n-natura tad-danni lamentati mill-atturi.*

*3) Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat il-konvenuta Paza Limited fis-26 ta` Mejju 2008 li taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident ma sehhx tort tas-socjeta` esponenti li ngaggat is-servizzi ta` Roc-A-Go Crane Services Ltd li kellha r-rekwiziti professjonali kollha ghal tali xoghol.*

*2. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda.

**Rat in-nota li pprezentat il-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited fis-6 ta` Gunju 2008 (fol 32) fejn irtirat l-ewwel eccezzjoni.**

**Rat in-nota tal-attur Ronnie Spiteri tad-29 ta` Jannar 2009 (fol 35) li permezz taghha kienet ceduta l-kawza limitatament fil-konfront tal-konvenuta Paza Limited.**

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta` Frar 2009 fejn innominat lit-Tabib Kirurgu Charles Grixti bhala espert mediku sabiex jezamina lir-rikorrenti u jirrelata.**

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta` Mejju 2009 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-kjamata fil-kawza ta` Victor Micallef u Louis Micallef.**

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-kjamati fil-kawza fit-8 ta` Gunju 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament in-nullita` tal-proceduri stante illi l-atturi ma setghux jippromwovu proceduri ghad-danni konguntivament kif sar fil-proceduri odjerni.*

*2. Illi l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi fil-kapacita` taghhom personali la kienu proprjetarji tal-crane in kwistjoni u lanqas kienu jimpjegaw lil Jason Zammit li kien qieghed jopera l-istess crane. Is-sejha taghhom fil-kawza saret vessatorjament u abbuzivament f`tentattiv sabiex jinzamm fis-sehh mandat ta` inibizzjoni li affettwa vetturi proprjeta` tal-esponenti.*

*3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi se mai l-incident ma setax sehh tort tal-esponenti pero` tort ta` Jason Zammit li fil-mument kien qieghed jopera l-crane.*

*4. Illi ghalhekk l-esponenti m`ghandhom ibatu l-ebda spejjez.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-persuni kollha li xehdu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

**Rat in-nota tal-attur Stephen Azzopardi tat-28 ta` Jannar 2011 (fol 162) li permezz taghha kienet ceduta l-kawza limitatament fil-konfront tal-konvenuta Paza Limited.**

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta` Marzu 2012 fejn, wara talba tal-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited, innominat lill-Perit Robert Musumeci bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-kwesiti li abbazi taghhom il-konvenuta talbet il-hatra tal-perit tekniku.**

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta` Marzu 2012 fejn laqghet it-talba tal-Perit Robert Musumeci sabiex jigi sostitwit bhala perit tekniku, u hatret bhala sostitut lill-Perit Mario Cassar fl-istess inkariku.**

**Rat l-ordni tal-Onor Prim Imhallef tas-16 ta` Jannar 2014 fejn il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.**

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-22 ta` Jannar 2015 fejn inkarikat lill-Perit Mario Cassar sabiex jirrelata dwar zewg *harnesses* li pprezenta bhala prova l-kjamat fil-kawza Victor Micallef.**

Semghet ix-xiehda ta` persuni li tressqu biex jiddeponu quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza, inkluz iz-zewg relazzjonijiet (debitament mahlufa) tal-espert mediku Tabib Kirurgu Charles Grixti, u z-zewg relazzjonijiet (debitament mahlufa) tal-perit tekniku Perit Mario Cassar.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tal-21 ta` Jannar 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi dwar responsabilita`</u>

### 1. <u>Xhieda</u>

<u>**David Saliba**</u> – Kap tat-Taqsima Teknika - Awtorita` ghas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-Xoghol – xehed illi huwa investiga l-incident mertu ta` din il-kawza ghall-Awtorita`. Qal illi zewg haddiema, impjegati tas-socjeta` Paza Limited, kienu qed jaghmlu xoghol ta` bdil ta` *posters* fuq *billboards*. Paza Limited inkarigat lill-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited ("<u>**Roc-A-Go**</u>") sabiex tissupplixxi *crane* u *crane driver* ghall-bdil tal-*posters*. Huwa mar fil-post tal-incident u sab li l-*poster* in kwistjoni kien gholi zewg metri u nofs ; il-poster ma setax jitwahhal mal-*billboard* mill-art. Biex jitwahhal, il-haddiem kellu jitla` b`sellum jew bi *crane*.

Kompla jghid illi l-*crane* ta` Roc-A-Go kien operat minn Jason Zammit. Dan kien qed itella` l-atturi b`gagga. Fejn il-gagga kienet imqabbda mal-ganc ma kienx hemm *kelp* jew *safety latch*. Ghalhekk il-gagga nqalghet minn postha, l-atturi waqghu u spiccaw fl-art.

Ipprezenta ritratt tal-ganc li ha huwa stess fuq il-post li juri li ma kienx hemm *safety latch* jew il-*kelp*. Is-*safety latch* tkun qisha bicca hadida normalment marbuta b`molla jew bi *split pin*. Ir-*ring* ikun qed izomm il-gagga. Jekk tigi biex tohrog, ma tkunx tista` tohrog. Ikkonferma li ma kienx hemm *safety catch* waqt l-investigazzjoni. Il-*crane* kellu hwejjeg ohra nieqsa. Fil-*crane* ma kienx hemm sistema fejn meta l-gagga tasal certa distanza mill-*boom head* ikun hemm *alarm* li tissenjala lill-operatur tal-*crane* li ma jistax joqrob izjed. Ma kienx hemm sistema fejn ikun hemm *safety device* li awtomatikament hekk kif toqrob hafna, tieqaf is-sistema jew l-*crane* ma jkunx jista` jkompli jopera.

Qal illi l-attur Stephen Azzopardi kien ilu xahar impjegat ma` Paza Limited. Ma kellux *personal protective equipment.* La kellu *safety shoes,* la *harness,* la *helmet* u lanqas ma inghata tahrig dwar kif jaghmel ix-xoghol fis-sigurta`. Ghalkemm kellu *harness,* l-attur Ronnie Spiteri ma kienx liebes il-*harness* dakinha tal-incident. Kellu *safety shoes* izda ma kellux *safety helmet.* Sostna illi fil-fattispeci tal-kaz, il-*personal protective equipment* ma kienx se jiskansa lill-atturi mill-incident. Bhala procedura, il-*harness* trid tkun adegwata ghal dak ix-xoghol u ghall-persuna ; inoltre l-persuna trid tinghata. Fil-kaz tal-lum irrizulta illi peress li l-gagga harget mill-ganc ghax kienet sprovvista minn *kelp*, kien ikun inutli li jkollok *harness* u tkun marbut mal-gagga ghaliex finalment il-gagga xorta wahda kienet sejra tispicca fl-art. Il-*harness* trid tintrabat mal-ganc. Qal illi ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenuti.

Stqarr illi l-ganc huwa dak li jiehu l-piz u s-*safety latch* jew *kelp* izomm dak li jkun marbut mal-ganc milli johrog. Il-*kelp* tkun ta` materjal differenti tal-ganc. Is-*safety latch* mhux intiz biex jerfa` piz fuqu izda li l-gagga ma tmurx barra l-ganc. Il-gagga kienet tal-hadid u kienet intiza ghall-persuni ; kienet tesa` zewg persuni b` kumdita. Ma sarux testijiet biex jaraw jekk fil-fatt it-toqol tal-gagga u ta` zewg persuni kinux aktar minn dak li suppost tkun is-*safety latch*.

Fisser illi huwa ha l-verzjonijiet tal-atturi u ta` Jason Zammit.

Qal illi l-gagga ma tistax tohrog waqt li tkun qed tittella` minhabba l-gravita` u l-piz taghha.

Stqarr illi l-Awtorita` nghatat certifikat ta` inginier dwar il-*crane* u l-gagga.

Qal illi huma taw ordni biex qabel il-*crane* jerga` jintuza titpogga *safety latch.* U hekk sar kif jirrizulta min-nota tal-Ing. Mario Magri.

Fisser illi wara li sehh l-incident, hareg *verbal stop order* u wara *written stop order* sakemm il-*crane* kien iccertifikat bhala tajjeb ghall-uzu kif rikjest mill-Awtorita`. Wara hareg ukoll certifikat li jghid li kollox kien in

regola. Fic-certifikat tal-gagga, kien dikjarat li tiflah zewg persuni u tajba ghall-uzu.

Qal illi l-ganc jista` jitqieghed f`pozizzjoni orizzontali jekk ma jkunx hemm *safety devices*.

Zied ighid illi skont l-Avviz Legali 282 tal-2004, makkinarju li ma jkollux *safety devices* irid jigi *upgraded* b`dawk il-mezzi tas-sigurta` li jaghmluh konformi. Il-ligi ma tghidx li jrid ikollok dawk is-*safety devices*, izda hija prattika tajba li jsir hekk.

Qal illi li kieku l-Awtorita` kienet taf li l-*crane* kien ser jintuza minghajr *safety latch*, ma kenitx se tippermetti l-uzu. Ic-certifikat prezentat lill-Awtorita` kkonferma t-tqeghid tas-*safety latch.* Ippreciza li meta mar hu fuq il-post ma kienx hemm *safety latch.*

**<u>L-attur Ronnie Spiteri</u>** xehed illi kien jahdem mal-kumpannija bl-isem ta` Sign-It li kienet shab mal-konvenuta Paza Limited. Wara Lulju 2005, beda jahdem ma` Paza Limited. Din taghmel xoghol ta` twahhil ta` *posters* ta` reklamar ma` *billboards* u ma` *frameboards* li jkunu mwahhlin ma` hitan fl-gholi. Kien qal lil Paul Zammit wiehed mid-diretturi ta` Paza Limited li kellu bzonn lil xi hadd biex jghinu fix-xoghol. Zammit qallu biex jara jekk isibx lil xi hadd. Huwa avvicina lill-attur Stephen Azzopardi li hu mizzewweg lil oht dik li qabel kienet il-mara tieghu. Azzopardi accetta u beda jahdem ma` Paza Limited. Kienu jwahhlu bejn erba` sa sitt *posters* kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha u xi drabi s-Sibt ukoll.

Kompla jghid illi fis-17 ta` Frar 2006, hu u Azzopardi kellhom l-inkariku li jwahhlu tlett *posters.* Il-*boards* kienu kollha fl-gholi u ghalhekk kellhom bzonn ta` *crane* biex ighollihom. Kienu pprovduti bi *crane* li jghollihom go gagga mdawwra bil-hadid. L-operatur tal-*crane* kien il-konvenut Jason Zammit ; dik kienet l-ewwel darba li hadem mieghu. L-ewwel poster twahhal l-Msida. Wara li tlesta, marru bil-vann tax-xoghol mal-*warden* li kellu jidderiegi t-traffiku waqt li x-xoghol li kellhom jaghmlu San Gwann. Il-*warden* ghalaq it-triq bil-*cones* u qaghad jidderiegi t-traffiku. Il-*frameboard* ta` l-injam li mieghu kellu jitwahhal il-*poster* kien imwahhal ma` hajt li kien jaghti fuq ghalqa, gholi ta` ftit aktar minn zewg sulari.

Qal illi l-*crane* tqiegħed fil-post minn Jason Zammit li fetaħ is-saqajn tal-*crane* u għalhekk il-*jib* tal-*crane* kien dritt u cioe` kważi orizzontali mal-art, kif ikun meta l-*crane* ikun qed jinsaq fit-triq. Il-gaġġa kienet maqlugħa minn mal-*jib* u kienet fil-post fejn titqiegħed fil-*crane*, meta tkun qed tiġi trasportata minn post għal ieħor. Jason Zammit beda jopera l-*crane* minn ġol-kabina billi reħa l-*cable wire* tal-*crane* biex ikun jista` jinqala` l-ganċ tal-*jib* minn ġol-ħolqa li jkun hemm fil-bumper ta` quddiem tal-*crane*, u fejn allura jkun imwaħħal dan il-ganċ mal-ħolqa b` mod stirat waqt li l-*crane* ikun qed jinstaq fit-triq. Huwa spjega li kien qala` l-ganċ tal-pastiga tal-*crane* minn ġol-ħolqa tal-*bumper* tal-*crane* u waħħlu mal-ħolqa li tinstab fuq il-gaġġa u li l-gaġġa tiġi elevata minnha bil-*crane*. Il-gaġġa ikun fiha erba` *cables* tal-azzar, wieħed marbut ma` kull kantuniera, illi jingħaqdu flimkien fin-nofs permezz ta` ħolqa waħda, li magħha jitwaħħal il-ganċ tal-*crane* biex il-gaġġa tkun tista` tiġi elevata bil-*crane*. Jason Zammit kien waħdu, u għalhekk għaklkemm ma kienx parti mix-xogħol tagħhom, huwa kellu bilfors jgħin lil Zammit, billi din il-parti tal-eżekuzzjoni tax-xogħol tirrikjedi tnejn min-nies. Dan għaliex l-operatur tal-*crane* ikun irid jerħi l-*cable* billi jimmanuvra minn ġol-kabina u fl-istess waqt ikun irid li jkollu lil xi ħadd biex jaqla` l-ganċ minn mal-*bumper* tal-*crane* u jwaħħlu mal-gaġġa.

Kompla jgħid illi wara li twaħħal il-ganċ mal-gaġġa u l-gaġġa tnizzlet fuq il-bankina bil-*crane*, hu u Azzopardi għabbew il-*poster*, il-kolla u l-għodda l-oħra li jintużaw għat-twaħħil. Il-ganċ ma kellux *safety catch/safety latch* u għalhekk kien biss il-piż tal-gaġġa u tagħhom li kienu ġol-gaġġa li kien qed iżomm il-gaġġa l`isfel imqabbda mal-ganċ milli tinbeżaq `il barra bil-gravita`. Huma daħlu ġol-gaġġa u Zammit beda jeleva l-gaġġa mill-art bil-*crane*, estenda il-*jib* tal-*crane* ftit `il quddiem u mbagħad dawwru lagenbha biex għadda l-gaġġa minn bejn iċ-ċint tal-għalqa u minn fuq il-*wires/cables* tad-dawl li kienu għaddejjin mill-għoli. Imbagħad nizzilhom bil-gaġġa b`kollox fl-għalqa. Qala` l-ganċ minn mal-gaġġa stess u l-operatur tal-*crane* ġibed il-*jib* lura biex imbagħad għaddieh minn taħt il-*wires/cables* tad-dawl. Kellu jsir hekk peress li l-*jib* ma kienx twil biżżejjed biex il-gaġġa tlaħħaq ma` fejn kellu jitwaħħal il-*poster* fuq il-*frameboard* minħabba il-*wires* tad-dawl.

Stqarr illi kif Zammit ċeda l-*cable* u l-ganċ tal-*crane* lejn il-gaġġa li fiha kienu huma, huwa reġa` qabbad il-ganċ mal-ħolqa tal-gaġġa, u Azzopardi għajjat lil Zammit biex itella l-*jib*. Fil-fatt hekk għamel. Zammit għollihom sa fejn kien imwaħħal il-*frameboard* mal-ħajt, u waħħlu l-*poster*. Damu madwar minn nofs siegħa sa tlett kwarti sospiżi fl-arja, u meta lestew, Zammit nizzilhom bil-gaġġa fl-għalqa biex terġa` tiġi ripetuta l-proċedura li saret fil-bidu, issa naturalment bil-kontra biex il-gaġġa terġa` tinħareġ `l barra mill-għalqa. Huwa qala` l-ganċ minn mal-ħolqa tal-gaġġa, Zammit

gibed il-*jib* lura, u ghadda l-*jib* minn taht il-*wires* tad-dawl, imbaghad gholla l-*jib* u ghaddieh minn fuq il-*wires/cables* tad-dawl, u nizzel il-ganc lejhom. Huwa rega` qabbad il-ganc mal-holqa tal-gagga, u hekk kif sar dan, Azzopardi ghajjat lil Zammit biex jgholli l-gagga. Hekk kif Zammit beda jgholli l-*crane*, u l-atturi kienu elevati ghal gholi ta` madwar zewg sulari u nofs mill-art, sema` bhal hoss ta` hadida qed tahbat ma` hadida ohra, u jara l-ganc tal-gagga jitla` mal-pastiga tal-*jib*, jigifieri jahbat mal-parti tat-tarf nett tal-*jib* ghax ittella` zzejjed mill-operatur, il-ganc inbaram lura, u f`dik is-sekonda nduna li l-gagga kienet ser tinbezaq `l barra minn mal-ganc, u li kienu se jmorru ghal isfel. Ghajjat lil Azzopardi : '*zomm zomm ghax ghal isfel*'. Fil-fatt waqghu ghal isfel bil-gagga b`kollox, u korrew serjament.

Fisser illi l-incident gara billi l-operatur tal-*crane* beda jestendi l-*jib* tal-*crane* `l barra biex iqabbez il-gagga minn fuq il-*wires/cables* tad-dawl, pero` fl-istess waqt ma bediex icedi u jaghti l-*loose* lill-*cable* tal-*crane*. B`hekk il-pastiga bdiet tersaq/tiela` `l fuq aktar milli jmiss, sa ma fl-ahhar habtet ma` fuq tal-*jib* u l-ganc li jkun imwahhal mal-pastiga inbaram lura. Il-ganc ukoll ma kellux *safety catch/latch*, u l-gagga nqalghet minn mal-ganc u waqghet ghal isfel. Il-*crane* bilfors ma kienx mghammar b` *cutoff switch* billi kieku dan kien hekk mghammar, l-incident ma kien jigri qatt, billi dan is-*switch* ghandu l-funzjoni li jzomm il-ganc tal-*crane* milli *jibqa`* tiela` `il fuq aktar minn certu limitu u b` hekk ma jkunx jista` jahbat ma` fuq kif gara fil-kaz taghhom.

Qal illi l-incident gara fil-11.00 a.m.

Muri r-ritratt a fol 174 tal-process, spjega li l-holqa fejn jidher li qieghed imdendel il-*harness* fir-ritratt ma kinitx tezisti fil-*crane* tal-incident taghhom. Il-gagga kienet qed izzomm ma` ganc. Il-gagga kienet imdendla mal-pastiga u l-gagga nqalghet minn mal-pastiga. Kien hem mil-ganc izda kienx hemm holqa.

**<u>L-attur Stephen Azzopardi</u>** kkonferma x-xiehda tal-attur l-iehor.

B`zieda ma` li xehed Ronnie Spiteri, stqarr illi wara li Zammit refaghhom mill-art, huwa seta` jara lil Zammit fil-kabina tal-*crane* li waqt li kien qed itellaghhom kien qed jitkellem fuq il-*mobile phone* tieghu. Spjega li huwa kien qed ihares lejh waqt li Zammit kien ghadu bil-*mobile* f`idejh

iparla. Imbaghad sema` lil siehbu jghajjat dawn il-kliem precizi li qatt mhu ser jinsa *"zomm zomm ghax ghal isfel"*.

Dwar ir-ritratt a fol 174 tal-process, huwa xehed illi l-holqa li maghha hemm imwahhal il-*harness* li jidher fir-ritratt ma kinitx hemm fil-crane tal-incident.

***Warden* Michael Gregory** xehed illi dakinhar ta` l-incident huwa kien inkarikat li jidderigi t-traffiku go San Gwann waqt li kienu qed jahdmu l-atturi fit-twahhil ta` *poster*. Kien qed jintuza *crane* biex itella` lill-atturi ghal gholi ta` xi zewg sulari u nofs fejn kellhom jahdmu. Waqt li kien qed jidderiegi t-traffiku huwa hares u ra l-kaxxa niezla. Billi l-incident kien serju, cempel mill-ewwel lill-pulizija. Qal illi ma jafx kif inqalghet il-kaxxa minn mal-*crane* ghalkemm jaf fic-cert li hekk gara. Waslet ambulanza li hadet lill-atturi l-isptar.

Fil-**kontroezami**, qal li jista` jkun li l-gagga kienet qeghda fuq nett. Il-konvenut Jason Zammit kien l-operatur tal-crane li kien tal-konvenuta Roc-A-Go. Ghalkemm mohhu kien fit-traffiku, huwa hares malli sema` l-istorbju. Huwa kien fuq in-naha l-ohra tat-triq oppost il-*crane*. L-atturi kienu diga` bdew iwahhlu l-*poster*.

**Ing. Vince Attard** – Senior Manager - Awtorita` ghas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-Xoghol – xehed illi huwa mar fuq is-sit ta` l-incident ftit wara li dan sehh. Sab *crane* ta` Roc-A-Go armat fit-triq bin-numru ta` registrazzjoni DAA 574. Sab gagga go ghalqa hdejn it-triq li kienet diga` maqtugha ghax waslu ufficjali ta` l-Protezzjoni Civili li qatghu l-gagga biex jinhargu l-atturi. Fuq il-post kien hemm Jason Zammit ix-xufier tal-*crane* li qalilhom li kien qed jerfa` tnejn min-nies li jahdmu ma` Paza Limited biex iwahhlu *board* mal-hajt u li dawn in-nies waqghu bejn erba` jew hames metri ghal gol-ghalqa.

Qal illi huwa ra li l-ganc tal-*crane* ma kellux *safety latch*. Fittex fl-art izda ma nstab xejn. L-art kienet kollha haxix. Milli qalulu kemm Zammit kif ukoll l-atturi, irrizulta li kien qed jahdem il-*crane* kien hemm *wires* ta` l-elettriku fin-nofs u ghalhekk ix-xufier hareg il-*jib* tal-*crane* u nizzel il-gagga. In-nies telghu fiha, wahhlu l-*poster*, rega` nizzilhom ma` l-art u hallew il-gagga minn mal-*hook* tal-*crane*, minn mal-pastiga ; imbaghad ix-xufier rega` dahhal il-*jib* lura, rega` harigha u gholliha fuq il-*wires*. Rega` nizzel il-ganc u

l-haddiema regghu ghamlu l-gagga mal-ganc, telghu fiha u meta kien qed itellghahom lura ghal fuq it-triq, ghal xi raguni, il-gagga nqalghet minn mal-ganc tal-*crane* u waqghu ghal isfel.

Kompla jixhed illi ma rrizultalux li l-*jib* kienet giet estiza waqt li kien hemm in-nies fil-gagga. Skont l-atturi, il-gagga baqghet tiela` sa fuq nett b` mod li l-pastiga habtet mal-*boom head* u konsegwentement harget minn postha.

Qal illi meta tibqa` tiela` u tahbat mal-*boom head*, hemm cans li l-pastiga titghawweg kif ukoll jitghawweg il-ganc. Spjega li jezistu *devices* li jimblukkaw milli dan jigri, billi meta l-pastiga tersaq vicin tal-*boom head*, awtomatikament taqta` l-kontroll jew twaqqaf jew ta` l-inqas ikun hemm *alarm*. Qal illi meta l-pastiga tibqa` tiela` hemm cans li titmejjel u tigi angulata. Stqarr illi ma jiftakarx jekk kienx hemm xi marka gol-ganc li turi li effettivament xi darba kien hemm *safety catch.*

Fisser illi s-*safety latch* normalment ma tkunx ta` l-istess materjal tal-ganc. Dan jiflah kwantitajiet kbar skont kemm normalment jiflah il-*crane.* Is-*safety latch* tkun *loaded* biex tibqa` f`postha. U tkun tiflah ma` l-180 kilos. Kompla jispjega li effettivament tkun iccekkjata ghal piz ta` 270 kilos izda bhala *safe working load* ghandha 180 kilos. L-attur Ronnie Spiteri qallu li kien hu li qabbad il-gagga mal-ganc. Kien infurmat illi l-istess metodu ta` xoghol kien segwit ghat-twahhil ta` *poster* iehor go lokalita` ohra dakinhar stess.

Qal illi kieku kien hemm *anti block device*, dan l-incident ma kienx isehh jew ta` lanqas kien jinghata *alarm* lix-xufier biex jieqaf. Spjega li l-kawza ta` l-incident kienet in-nuqqas ta` *safety latch.* Il-pastiga kienet isfel u mhux mal-*boom*. Il-pastiga habtet mal-*boom head*. Spjega li din tkun fuq piz u li tista` wkoll titqaccat f`certu cirkostanzi.

**<u>Brian Farrugia</u>** mill-Awtorita` ghat-Trasport f` Malta xehed illi l-*crane* bin-numru ta` registrazzjoni DAA 574 huwa ta` 12 il tunellata, Fis-17 ta` Frar 2006 kien registrat f`isem Victor Micallef miz-Zejtun. Dam hekk registrat bejn it-8 ta` April 1997 sat-12 ta` Settembru 2006 meta mbaghad kien trasferit lil Kenneth Micallef. Il-crane ma kienx trasferit lil Roc-A-Go.

Qal illi kien hemm okkazjonijiet fejn dan il-*crane* ma ghaddiex mill-ewwel mill-VRT. Bejn l-2005 u 2006, u anke llum, biex tithallas licenzja ghal *crane*, kien hemm bzonn ta` *passed test procedure* certifikata minn rapport ta` inginier apparti l-VRT. Kellu jkun hemm assikurazzjoni wkoll. Fl-2005 u 2006, il-VRT sar kull darba u l-*crane* ghadda mill-ewwel. Fl-2006 saret spezzjoni tal-*crane* mill-Ing. Mario Magri u li ccertifika li kien tajjeb ghall-uzu fit-triq.

Kompla jghid illi l-Awtorita` tqis *road safety.* Ma tidholx fi kwistjonijiet tas-*safety* tal-*crane* waqt ix-xoghol.

Qal illi f`Jannar 1995, il-*crane* kien registrat fuq Louis Micallef, imbaghad kien trasferit fit-8 ta` April 1997 fuq Victor Micallef, u fit-12 ta` Settembru 2006 kien trasferit fuq Kenneth Micallef.

Ikkonferma li fil-file hemm notament li jghid *safety latch installed.*

**Anthony Bonnici** mis-socjeta` GO Mobile kien mitlub jaghti dettalji ta` telefonati li saru fis-17 ta` Frar 2006 mill-mobile no. 79777919. Ma setax jaghti l-informazzjoni ghaliex ma kenitx disponibbli.

**PS 404 Paul Camilleri** pprezenta r-ritratti li ttiehdu waqt l-inkjesta magisterjali dwar l-incident mertu ta` din il-kawza.

**Andrew Schembri** mir-Registru tal-Kumpanniji xehed illi fis-17 ta` Frar 2006 id-diretturi ta` Roc A Go Crane Services Limited kienu Pauline Micallef u Louis Micallef.

**Il-konvenut Jason Zammit** xehed illi huwa kien impjegat bhala xufier tal-*crane* ma` Roc-A-Go Crane Services Limited. Huwa kien qed isuq il-*crane* DAA 574 fis-17 ta` Frar 2006. Il-*crane* ma kellux *cut-off switch* ghaliex kien mudell antik. Dakinhar l-atturi kellhom itellghu u jwahhlu xi *posters*.

Spjega li x` hin marru San Gwann biex jitwahhal it-tieni *poster*, il-procedura tax-xoghol kienet li l-ewwel hu jtella` l-*jib* u jaqla` l-ganc minn ma`

quddiem tal-*crane*. Imbaghad igholli l-*jib* `il fuq, inizzel il-*wire,* u jqabbad il-gagga li fiha jitilghu l-haddiema. Wara kellu jiftah il-*jib* tal-*crane* u jnizzel il-gagga ma` l-art biex jitilghu l-haddiema. X`hin dawn jitilghu, huwa jtella` l-*wire* `l fuq u jressaqhom lejn fejn ikunu ser jahdmu fuqu. Il-*poster* kellu jitwahhal ma` hajt fejn kien hemm ghalqa li fiha kellha tinzel il-gagga. Ghalhekk huwa ma setax jaqla` l-gagga.

Kompla jghid illi apparti din il-kwistjoni, huwa nduna wkoll li kien hemm *wires* tad-dawl ghaddejjin u li dawn jistghu ikunu ta` periklu kemm ghalih kif ukoll ghall-atturi. Ftiehem mal-atturi sabiex l-ewwel titqabbez il-gagga minn fuq il-*wires* bil-haddiema fil-gagga u mbaghad kellhom jaqilghu l-holqa minn mal-ganc biex huwa jkun jista` jtella` l-ganc `il fuq u jghaddih minn taht il-*wires* bil-*jib* tal-*crane* biss minghajr il-haddiema. Sar dan kollu sabiex jigi evitat il-periklu ta` l-elettriku. Qabel sar dan kollu, huwa rama l-*crane* kif suppost ghaliex kieku l-incident kien jigri meta kien qed iqabbez il-gagga minn fuq il-*wires* bil-haddiema go fiha.

Fisser illi huma hadmu kif ftehmu minhabba l-periklu ta` l-elettriku u minhabba l-hajt li kien hemm. Qal illi wara li ghadda l-*jib* tal-*crane* minn taht il-*wires* ta` l-elettriku, rega` nizzel il-*wire* biex titwahhal il-holqa tal-gagga mal-ganc tal-*crane*. Dak il-hin kellu bzonn li l-atturi jaghmlulu sinjal b`idejhom biex jerga` jtellaghhom fil-gagga peress li ma kienx f` pozizzjoni li jara l-holqa tehel mal-ganc minhabba l-hajt. Tella` l-*wire* `l fuq u ressaq lill-atturi li kienu fil-gagga lejn il-*poster*. Meta lestew, rega` kienet adoperata l-istess sistema pero` bil-maqlub. Rega` nizzilhom fl-ghalqa, qalghu l-holqa minn mal-ganc u ghamlulu sinjal b` idejhom biex itella` l-*wire* u jghaddi bil-*jib* minn taht il-*wires*. Hareg il-*jib* minn taht il-*wires*, rega` fetah il-*jib* u nizzel il-*wire* biex jergghu jqabbdu l-gagga u jtellaghhom minn go l-ghalqa.

Kompla jixhed illi xi hadd mill-atturi rega` qabbad il-ganc mal-holqa tal-gagga, u tawh is-sinjal biex jgholli l-*wire* tal-*crane* ` il fuq. L-atturi telghu fil-gagga u kif waslu gholi ta` madwar zewg sulari, il-gagga harget minn postha u l-holqa harget minn gol-ganc tal-*crane* bil-konsegwenza li l-atturi waqghu bil-gagga b`kollox ghal isfel go l-ghalqa. Apparti d-diffikultajiet li kien hemm fuq il-post tax-xoghol, kienet prassi li jkunu l-haddiema u mhux ix-xufier li jwahhlu l-holqa mal-ganc peress li x-xufier ma kienx jista` joqghod johrog minn gol-*crane* biex jitqabbad il-ganc ta` kull darba. L-unika parti tal-procedura li saret differenti kienet dik il-parti fejn ghadda il-*jib* minn taht il-*wires* minghajr il-haddiema u minghajr il-gagga.

Dwar it-telefonati li allegatament kien qieghed jaghmel fuq il-*mobile phone* nru 79777919, xehed illi dakinhar ircieva xi telefonati fosthom minghand Louis Micallef izda ma kienx wiegeb ghalihom waqt il-hin ta` l-incident jew waqt li kien qed ihaddem il-*crane*. It-telefonati hadhom waqt li l-*crane* ma kienx qieghed jigi operat.

Dwar l-ilbies protettiv, stqarr illi Stephen Azzopardi la kien liebes *safety shoes*, la *helmet* u lanqas kien marbut b`*harness* waqt li Ronnie Spiteri ma kienx marbut b`*harness,* lanqas kien liebes *helmet* ghalkemm kien liebes *safety shoes.*

Qal illi kieku l-atturi kienu lebsin il-*harness,* l-incident ma kienx isir peress li l-habel tal-*harness* kien ikun imqabbad mal-ganc tal-*crane* u kienu jibqghu mdendlin mal-ganc.

Stqarr illi meta jigbed il-*jib* fuqu, il-*wire* ma jissikkax `il fuq izda jinzel `l isfel. Li kieku nizzel il-*jib* l` isfel, il-pastiga kienet titla` ma` ta fuq. Meta gibed il-*jib* fuqu, minhabba l-periklu tal-*wires* tad-dawl, il-pastiga ccedi totalment wara li tnizzilha `l isfel. Meta tigbed il-*jib* ghal fuqek, il-*wire* jikber u mhux jickien. Meta jigi fuqek il-*wire*, dan jinzel u mhux jitla` l fuq.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa kien ilu jopera l-*cranes* ghal dawn l-ahhar 18-il sena. Kien ilu seba` snin jahdem ma` Roc-A-Go Crane Services Limited, izda mbaghad kien telaq ghal bejn sitta sa tnax-il xahar, u rega` beda jahdem maghhom sa hmistax-il jum wara l-incident.

Qal illi l-*crane* rega` beda juzah dakinhar stess ta` l-incident. Il-*crane* kien antik u ma tantx kien tajjeb. Fisser li kien qed jirreferi ghall-mod ta` kif jithaddem il-*crane* u dan specjalment ghaliex il-*lever* kien jibqa` imwahhal u ghalhekk kien jigri li jibqa` tiela` l-*wire* `il fuq. Ighid illi ma kienx jaf x` jigri jekk jehel il-*lever.* Sar jaf meta sehh l-incident.

Fisser illi fil-post kien hemm hafna *wires* tad-dawl u hass li kien hemm perikolu. Kien hu li ha d-decizjoni li jieqfu u jghaddi kollox minn taht il-*wires* tad-dawl. Insista li kienu l-atturi li kienu qed jaghmlul s-sinjali. Kompla jghid li kien hemm hajt ukoll b` tali mod li ma setax jara vicin. Spjega li lanqas *radio* ma kellhom u ghalhekk il-komunikazzjoni kienet qeghda ssir bl-ghajjat minn wara l-hajt.

Qal illi l-*lever* kien imwahhal meta gara l-incident. Il-problemi ta` l-*crane* kienu li jehel il-*lever* u li l-*crane* maqsum. Qal li ma jiftakarx jekk kienx hemm *safety latch* mal-ganc.

Stqarr illi meta marru ghall-access, huwa xtaq li jigi l-istess *crane* li ntuza biex jigi stabbilit ghalfejn sehh l-incident. Huwa spjega li ma thalliex jutilizza l-*crane* biex juri kif sehh l-incident. Insista li huwa ma kienx adopera l-*crane* b` velocita qawwija. Qal illi jekk tintuza velocita` hekk kif gie muri lill-perit tekniku, kien mhux biss jitqaccat il-ganc izda kien hemm cans li jinqatghu l-*wires*. Ikkonferma li l-*wire* kien singlu u ghalhekk kien hemm anqas possibilita` li jitqaccat il-*crane* fuq, dan meta komparat ma` *crane* li jkollu *wire* doppju. Huwa insista li kienet procedura ma` kwazi kull haddiem li jghinuh billi jqabbdu l-affarijet. Spjega li l-*harness* kien jitqabbad fuq l-istess ganc. Inoltre qal illi ma jidhirlux li l-haddiema kienu gew provduti b` *harnesses.*

Ikkonferma li la Louis Micallef u lanqas Victor Micallef ma kienu prezenti. Meta nfurmahom li kienu wegghu n-nies, lanqas biss resqu fuq il-post.

Spjega li huwa kixef dawn il-problemi tal-*crane* f` din l-okkazzjoni, peress li qabel kien qed jibza` li jitkecca mix-xoghol.

Qal illi huwa ma kienx ghadu jahdem ma` Roc-a-Go u ghalhekk seta` jghid kollox.

Insista li l-*mobile* ma kienx qed jaghmel uzu tal-mobile fil-waqt tal-incident.

Sahaq ukoll illi dak li gara kien peress li wehel il-*lever*. Meta tkellem wara l-incident ma` Micallef, huwa kien uriehom kif kien qed jehel il-*lever*. Spjega li x`hin dahlet it-telefonata, idejh kienu liberi peress li ma kienx qed juza l-*levers*. Inoltre l-atturi kienu lestew mill-*billboard.*

Spjega li meta rega` hareg minn taht il-*wires* tad-dawl u gie minn fuq il-*wires* tad-dawl, x`hin fetah il-*jib* tal-*crane*, l-atturi qabdu mal-gagga, ittellghu `l fuq u l-*crane* baqa` jiftah il-*jib* u stira l-pastiga ma` fuq.

Qal illi ma jiftakarx min kien cempillu.

Kompla jghid illi ma kienx jaf li l-*lever* kienet qed tehel meta uzah ghaliex ma kienx l-istess *crane* li kien juza solitament. Huwa kien jopera *crane* akbar. Ikkonferma li jekk jehel il-*lever,* tista` tiehdu lura izda mhjiex haga normali.

Riferibbilment ghall-access, xehed illi l-*crane* li ntuza waqt l-access tal-perit tekniku ma kienx l-istess wiehed tal-incident ghalkemm kien simili.

Stqarr illi l-*crane* tal-access ma kellux id-difett li kellu l-*crane* tal-incident.

Qal illi l-*crane* tal-incident kellu l-*jib* li kienet difettuza kif ukoll kienet tehel il-*lever* tat-*telescopic* bil-konsegwenza li l-*jib* kien johrog wahdu li mhux normali fi *crane*. Il-gagga tal-incident kellha qiegh b`xibka mhux hadid, u ghalhekk kienet ehfef minn dik tal-access.

Kompla jinsisti li l-ganc (tal-incident) kien sprovvist minn *safety latch.*

**Il-kjamat fil-kawza Victor Micallef** xehed illi huwa azzjonista (mhux direttur) tas-socjeta` Roc-A-Go Crane Services Limited. Billi huwa pensjonant, kollox huwa registrat fuq it-tfal hlief ghal xi vetturi li ghadhom registrati fuqu.

Ighid illi fl-2006 Paza Limited krew minghand Roc-A-Go *crane* b`xufier u b`gagga tal-hadid. Dik ma kenitx l-ewwel li krew *crane* lil Paza Limited. Dakinhar ta` l-incident, l-impjegat ta` Roc-A-Go il-konvenut Jason Zammit kien qed jaghmel uzu minn *crane* Coles bin-numru ta` registrazzjoni DAA 574. Aktar tard, Zammit avza bit-telephone li kien gara l-incident mertu ta` din il-kawza. Meta Zammit mar lura l-yard bil-*crane*, huwa staqsa lil Zammit x`kien gara. Dan huwa r-rakkont ta` Zammit : qal illi meta kienu

San Gwann, kien qieghed jimmanuvra biex jgholli l-*jib* tal-*crane* halli l-gagga bl-atturi fiha jqabbizha xi *wires* tad-dawl. Biex jaghmel dan, beda jistira l-parti teleskopika tal-*crane* billi beda jtawwal il-*jib*. Dak il-hin daqq il-mobile tieghu u wiegbu fil-waqt li kien qieghed jaghmel il-manuvra. Fil-prontn sema` hafna ghajjat u ra l-gagga niezla ghal isfel. Induna li baqa` johrog il-parti teleskopika tal-*jib* b`mod li l-habel stira u l-gagga waslet sa fuq mal-*pulley*. Il-pastiga daret bil-maqlub u l-holqa tal-gagga harget minn gol-ganc. Tal-*health and safety* staqsewh dwar is-*safety latch* tal-pastiga peress li ma setghux isibuha.

Ipprezenta tliet ritratti biex juri x` jigri meta tistira it-*telescopic* u tross il-ganc mal-pastiga. It-toqol jigi kollu fuq is-*safety latch.* Din qeghda hemm biex taghlaq it-toqba fil-kaz li jkun hemm xi caqliq u b`hekk il-ganc ma jaqbizx lagenbha u johrog. Mhijiex qeghda hemm biex izomm it-toqol fuqha. Izzomm fuq *pin* irqieq ; kif thoss it-toqol, il-*pin* itir. Il-*pin* qieghed mal-genb fuq in-naha tal-lemin u ghalhekk ma jzommx toqol fuqu.

Kompla jixhed illi huwa staqsa lil Zammit jekk l-atturi kienux lebsin il-*harness* ghaliex qal illi go kull *crane* iqeghdu zewg *harness*es ghal li jista` jinqala` u dak il-*crane* kellu wkoll. Zammit qallu li l-atturi kienu rrifjutaw li jilbsu l-*harness.* Li kieku ghamlu uzu tal-*harness*, l-atturi kienu jibqghu mdendlin mal-ganc tal-*crane* u l-gagga kienet taqa` vojta. L-atturi la kellhom *helmet* u wiehed minnhom lanqas kellu *safety shoes*.

Stqarr illi huwa ezamina l-*crane* u sab li l-pastiga kienet maqsuma, u s-*safety latch* ma kinitx f`postha. Baqa` sorpriz kif is-*safety latch* ma kjenitx instabet fl-art. Esprima l-fehma illi meta daret il-pastiga is-*safety latch* ma felhitx it-toqol tal-gagga u tqacctet.

Ighid illi l-ghada filghodu mar fil-post tal-incident u ha raxketta mieghu biex ikun jista` jfittex fil-haxix. Kif beda juza r-raxketta, sab is-*safety latch* u pprezentaha bhala prova.

Stqarr illi ma jistax ikun li l-*crane* ma kellux *safety latch* peress li, skont il-procedura, meta wiehed imur ihallas il-licenzja tal-*crane*, l-Awtorita` tat-Trasport titlob certifikat minn inginier li jkun ta l-approvazzjoni tieghu. Dan ic-certifikat kien jintalab kull sena u minghajru, il-licenzja ma kinitx tiggedded. Fil-kaz tal-crane in kwistjoni, ic-certifikat sar minn Jesmond Silvio.

Qal illi damu jahdmu b`dak ic-crane ghal snin twal wara li gara dan l-incidenti u waqaf jintuza fi zmien ricenti.

Qal illi xi sentejn wara l-incident, meta l-kawza kienet diga` pendenti, huwa ra lill-attur Spiteri jaghmel l-istess xoghol, tiela` u niezel sellum iwahhal reklami ma` *billboard.*

Fil-**kontroezami**, stqarr illi l-*crane* kien ilu jintuza minn 45 sa 50 sena. Kellu certifikat dwar *safety* u ghalhekk seta` jintuza kemm ghall-irfiegh ta` oggetti kif ukoll ta` nies. Kien registrat f`ismu dakinhar tal-incident.

Ighid illi huwa mar fuq il-post tal-incident l-ghada tal-incident.

Spjega li r-ritratt a fol 171 juri pastiga ohra u mhux dik tal-*crane* in kwistjoni peress li din kienet tkissret bl-incident ghax milli jidher hareg it-*telescopic* u stira l-*wire* bil-konsegwenza li l-pastiga telghet `il fuq. Insista li bhala daqs il-pastiga kienet bhal dik tar-ritratt a fol 171. Qal illi a fol 175, hemm is-*safety pin* li huwa *safety latch* ta` wahda mkissra. Insista wkoll li bhala daqs huma l-istess. Qal illi kien sabha fuq il-post ghalkemm il-*Health and Safety Officers* ma sabuhiex.

Fisser illi l-ghada ta` l-incident, mar ufficjali tal-*health and safety* fil-post taghhom biex jezaminaw il-*crane.* Kompla jghid li huwa biddel biss il-pastiga. Sostna li huwa ma qalx lill-ufficjali li kien sab is-*safety latch* ghaliex kien ghadu ma marx fuq il-post u ghalhekk kien ghadu ma sabhiex. Huwa mar fuq il-post tal-incident bejn l-10.00 am u nofsinhar. Huwa ma damx biex biddel il-pastiga ; dakinhar kienet diga` mibdula.

Qal illi l-*crane* kellu assigurazzjoni biex jinsaq fit-triq izda mhux biex jahdem.

Qal illi s-*safety pin* tar meta hass it-toqol. Is-*safety latch* tkun irqieqa hafna u qatt mhu suppost li l-pastiga tigi rasha `l isfel. Huwa sab is-*safety latch* u mhux il-*pin.*

Ippreciza li l-*crane* jiflah tnax-il tunnellata meta ma jkunx meta miftuh. Meta jkun miftuh jiflah inqas u cioe` sa hames tunnellati. Il-gagga tizen madwar nofs tunnellata.

Qal illi meta jkun hemm *wires* tad-dawl, l-importanti huwa li ma tolqotx il-*wires*.

Kompla jghid illi l-*harness* jitpoggew fil-gagga kif gara fil-kaz tal-lum. Il-*harness* ikun marbut mal-ganc. Mistoqsi dwar ir-ritratt a fol 174, huwa spjega li ma hemmx *harness* fir-ritratt u huwa maqtugh mill-art b` zewg piedi ghall-iskop sabiex jigi muri r-ritratt. Spjega li l-*crane* baqa` jintuza ghal xi tliet snin ohra wara l-incident sakemm inbiegh. Fil-*crane* minflok *switch* intuzat qanpiena.

Qal li Jason Zammit kien ilu tliet gimghat qabel l-incident li rega` beda jahdem ma` Roc-A-Go wara li kien ghamel sitt snin jahdem maghhom qabel mar jahdem ma` haddiehor. Ma kellux bzonn tahrig ghaliex kien jaf ix-xoghol tajjeb.

Stqarr illi fil-hin tal-incident ma kien hemm hadd jaghmel supervizjoni tal-operazzjoni tat-twahhil tal-*poster*.

Ikkonferma li l-gagga li ntuzat waqt l-access kienet ehfef minn dik tal-incident. Spjega li huwa ma jaqbilx li l-*jib* kien johrog wahdu, peress li l-*jib* kellu *lever* iebes li jrid jigi maghfus. Qatt ma seta` jkun li jehel. Qabel ma sehh l-incident, l-istess *crane* kien intuza hdejn Lautier Aluminium f`gholi ta` sitt sulari.

Dwar ir-ritratt a fol 174 insista li l-holqa hija mal-*harness* u dik il-holqa kienet taqbad mal-*wire*. Il-holqa ma setghetx tkun fil-*crane* jekk l-atturi ma kinux lebsin il-*harness*. Fir-ritratt, qed tidher il-holqa ghax fir-ritratt il-persuna hija liebsa il-*harness*. Spjega li l-*harness* qeghda hemm sabiex jekk jigri, bhal ma gara fil-kaz tal-lum, illi x-xufier baqa` tiela` b` velocita` bil-*wire* (ghax kien fuq it-telephone, tant li ma kienx jaf x` inhu jaghmel li sa anke kisser is-*safety lock*) il-haddiema kienu jibqghu mdendlin bil-*harness*. Fil-kaz tal-lum, il-*harness* kienet gol-gabina izda ma ntlibbsitx.

Ix-xhud immarka bl-ittra X il-post fejn tintrema l-*harness*. Kompla jghid illi l-*cable* ghandu holqa u meta jdur il-*wire*, idur minn gol-holqa. Il-hlqa tal-*harness* tidhol gol-*wire*. Immarka wkoll bl-ittra Y fuq ir-ritratt a fol 174 il-post minn fejn hu mqabbad il-*wire* mal-*jib*. Il-*harness* jehel mal-*cable* tal-*crane*. Spjega li l-*harness* ikun imwahhal u l-*cable* ikun jiccaqlaq minn go l-istess *harness* minn gol-holqa qisha tar-ram. Il-*cable* jkun ta` l-azzar. Il-*harness* ikun maghmul b` *belts* tan-*nylon*.

Fisser illi kien Jason Zammit stess li qallu li kien bil-*mobile*. Huwa sostna li l-haddiema wkoll kienu lmentaw li dan ix-xufier kien il-hin kollu fuq il-*mobile* peress li anke aktar qabel kien qaghad ihallihom jimmulla fil-gagga u kienu anke lmentaw ma` l-istess xufier.

Huwa cahad li qatt ta struzzjonijiet lil Jason Zammit sabiex jghid li kien hemm *safety latch* fil-*crane*. Kien Zammit stess li qal li kien hu li tajjar is-*safety latch*.

Ippreciza li l-*crane* li ntuza waqt l-access tal-perit tekniku ma kienx l-istess *crane* tal-incident peress li lahaq inbiegh.

Ipprezenta z-zewg *harnesses* li kien hemm fil-*crane* dakinhar ta` l-incident. Huwa kellu certifikat dwar il-*harness*es fiz-zmien ta` l-incident. It-taghrif dwar kif jintlibes il-*harness* flimkien mal-*harness* ikunu go bagalja. Dawn inghataw lil Jason Zammit li kien izommhom gol-gabina. Huwa spjega li biex jitqabbad il-*harness*, jista` jitqabbad mal-*wire* tal-*crane* jew inkella mal-ganc tal-pastiga tal-*crane*.

Ipprezenta certifikat tal-*harness inspection* ta` l-2014. Ma kellux ic-certifikati tas-snin ta` qabel ghaliex qal li altrimenti jimtela karti.

Mistoqsi kif fic-certifikat hemm imnizzel li l-*harnesses* li gab mieghu l-qorti gew manifatturati fl-2014, sostna li dak kien zball peress li dak ic-certifikat jirrigwarda l-*harnesses* li kienu nghataw lil Jason Zammit dakinhar ta` l-incident.

**<u>Il-kjamat fil-kawza Louis Micallef</u>** xehed illi huwa direttur u azzjonista ta` Roc-A-Go Crane Services Limited. Paza Limited kienu klijenti

regolari taghhom. Ghax-xoghol mertu tal-incident, kienu baghtu lill-haddiem taghhom Jason Zammit. Kien Zammit li cempel li kien gara l-incident. Zammit qallu illi kien qieghed jimmanuvra biex iqabbez il-gagga fuq xi *wires* tad-dawl u biex jaghmel dan stira l-parti teleskopika tal-*jib* tal-*crane*. Waqt li qed jaghmel hekk irrisponda l-*mobile* u f`daqqa sema` hafna ghajjat u ra l-gagga niezla ghal isfel. Zammit qallu li kien aljena rasu u baqa` jistira l-*jib* b`mod li l-ganc wasal sa fuq, il-pastiga daret, is-*safety latch* tqacctet, il-gagga harget u waqghet. Qallu wkoll illi l-atturi kienu rrifjutaw li jilbsu l-*harness*es li kien hemm mal-*crane*. Qal illi huh Victor, il-kjamat fil-kawza l-iehor,mar l-ghada fuq il-post u sab is-*safety catch*. Insista li l-*crane* kellu *safety latch* peress li dak iz-zmien l-ADT ma kinitx iggedded il-licenzja ta` *crane* jekk ma jintbaghatx certifikat ta` inginier. L-inginier ma kienx se jiccertifika l-crane minghajr is-*safety latch*.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** stqarr li Zammit cempillu dwar l-incident ghall-habta ta` bejn l-10.30 am u l-11.00 am. Li kieku l-atturi kienu lebsin il-*harness* l-incident ma kienx jigri peress li l-*harnesses* jaqbdu mal-ganc tal-*crane* b`mod dirett. Spjega li l-gagga hija b` erba` stroppi bil-holoq kbar mentri tal-*harness* jistghu jiddawwru u jigu bicca wahda gol-ganc. Huwa kkonferma li l-ganc iccaqlaq b`mod illi l-fetha giet taghti `l isfel. Kompla jghid li l-*harnesses* jigu provduti minnhom. Huwa kkonferma li meta dahal lura l-*crane*, kien hemm zewg *harnesses* fil-kabina.

**<u>Brenda Vella</u>** mill-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig ipprezentat informazzjoni dwar l-*employment history* ta` Stephen Azzopardi bil-karta ta` l-identita numru 154067M kif ukoll *history* ta` meta kien jirregistra. Ippreciza li meta persuna tkun *boarded out* din ma tkunx imnizzla fir-*records* taghhom. Ipprezentat ukoll l-*employment history* ta` Ronnie Spiteri bil-karta ta` l-identita numru 211371 M fejn hemm indikat li kien ilu jahdem ma` Paza Limited mis-6 ta` Lulju 2005.

**<u>Ing. Mario Magri</u>** kkonferma l-kontenut tar-rapport ezebit a fol 197. Spjega li l-ispezzjoni skont dak ir-rapport saret fl-24 ta` Frar 2006. Jista` jkun li kien iccekkja l-*crane* fl-2005 peress li huwa kien beda jahdem ma` Roc-A-Go madwar dak iz-zmien. Madanakollu ma kienx cert dwar dan. Ir-rapport isir sabiex ikun stabbilit jekk il-*crane* huwiex f`kundizzjoni tajba. Mir-rapport jidher li l-ilsien tal-ganc ma kienx qieghed sew ; in segwitu kien rimedjat ; ghalhekk sar dak in-notament.

Fil-**kontroezami**, stqarr illi kienu ilu sena jaf bl-incident mertu ta` din il-kawza. Li ma setax jiftakar kien jekk dan kienx qabel jew wara ghamel l-ispezzjoni tal-*crane*. Minghajr ic-certifikat, ma tohrogx polza ta` assikurazzjoni. L-importanza tas-*safety latch* hija fis-sens illi jekk ikun hemm xi haga mqabbda mal-ganc, u din b` xi mod ikollha xi skoss, li jkun hemm fil-ganc ma jaqbizx `il barra. Kien hemm zewg tipi ta` *safety latch*, dawk bil-molla u dawk bil-*counter weight*. Is-*safety latch* ma tantx tvarja bejn *crane* u iehor hlief jekk il-*crane* ikun ta` mitt tunellata. Jekk ganc jinqaleb u jigi rasu `l isfel, l-efficenza tas-*safety latch* tispicca minhabba li kagun tad-dinamika ta` l-incident, dak ikun qieghed hemm ghalxejn. Huwa essenzjali li l-ganc dejjem ikun rasu `l isfel. Hemm *cranes* li jzommu l-ganc dejjem rasu `l isfel ; ghalhekk ma ghandhomx dik is-sistema.

Qal illi fil-*crane* in kwistjoni ma hemm *limit switches* li jaqtghu s-sistema ta` *overhoisting*. Aktar tard, kienu gew introdotti teknologiji fejn *crane* li jeqaf u ohrajn fejn iddoqq qanpiena. Fil-*crane* ma kienx hemm qanpiena.

Stqarr illi d-data tal-manifattura tal-*harnesses* kienet 2004 mhux 2014. Id-data kienet zbaljata. L-izball kien tieghu.

Fisser illi kull *lifting equipment* irid jigi ccertifikat kull 14-il xahar. Ic-certifikat jinghata lill-OHSA. Meta *crane* ma jkollux *alarm*, jinghata l-piz massimu li jista` jerfa` biex dan ma jinqalibx, u jigu mposti restrizzjonijiet ohra. Il-*crane* kien iccertifikat biex jerfa` l-piz li hemm indikat fic-certifikat tieghu. Fic-certifikat, jinghad li l-*crane* seta` jerfa` certu tunnellagg, izda dan ma jinkludix persuni. Biex ikun jista` jtella` n-nies, kellu bzonn li jkun *fully functional* b` *alarm*, u *limit switches*. Il-*crane* kellu jsirlu *limit switch* ma` fuq sabiex kif jasal ma` fuq iddoqq il-qanpiena fil-gabina tax-xufier. Meta tinstema` l-qanpiena, ix-xufier ikollu jieqaf ; imbaghad inizzel bil-*wire*. Huwa spjega li meta jkun qed tintrefa` piz u mhux persuni, ir-riskju huwa ferm anqas. Jekk tintrefa` *load* il-*crane* kwazi jiggammja ghax tigi *overloaded*. Wara dan l-incident, l-OHSA harget *guidelines* ghal *risk assessment*. Fil-kaz fejn il-*crane* ikollu *alarm*, xorta wahda jrid isir *risk assessment*. Il-*crane* ma kellux *alarm*. Meta iccertifika l-crane huwa ccertifikah bhala tajjeb biex jerfa` *loads* mhux persuni. Jekk l-operatur ma jkunx attent jigri dak li fil-fatt gara anke li kieku kien hemm alarm.

Fil-**kontroezami,** ikkonferma li l-*harness* titqieghed mal-ganc tal-*crane*, ossija fejn tehel il-gagga. Jezistu zewg tipi : jew dak li jehel ma` l-

annella tal-gagga li jkollha *wire* apposta ghal *harness* ; jew mal-ganc tal-*crane*. Iz-zewg metodi huma approvati. Il-gagga li ttella` n-nies trid tkun iccertifikata wkoll. Ighid illi gieli hareg certifikati ghal gageg uzati minn Roc-A-Go. Fir-ritratt tal-gagga ezebit, mhuwiex jara holoq.

**Anthony Theuma** xehed illi huwa kien jahdem bhala xufier ta` *crane* ma` Roc-A-Go Crane Services Limited. Spjega li t-Tnejn ta` wara l-incident in kwistjoni, huwa tella` zewg persuni bil-gagga fil-Malta Maritime. Kienu marru xi ufficjali tal-OHSA sabiex jiccekkjaw il-*crane* u qalulu li seta` jkompli jahdem bih. Huwa dejjem jinsisti li l-persuni fil-gagga jintrabtu bil-*harness* peress li hija responsabbilita` tieghu li jaghmel hekk.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa spicca jahdem ma` Roc-A-Go madwar hames snin u nofs qabel xehed. Kienu ilu jahdem maghhom madwar 15-il sena. Kien jaf tajjeb il-crane in kwistjoni. Qal li ma jafx kif gara l-incident in kwistjoni.

Qal illi l-crane ma kienx modern u ma kellux apparat fih biex il-pastiga ma tibqax tiela` `l fuq aktar milli suppost. Krejnijiet ohra jkollhom dak l-apparat.

Stqarr illi meta rcieva t-tahrika biex jixhed f`din il-kawza huwa cempel lil Victor Micallef.

Fisser illi meta jkunu se jtellghu n-nies dejjem kien ikun hemm zewg *harnesses*. Il-gagga kienet tiflah zewg persuni u qatt ma telghu aktar minn tnejn. Il-*harnesses* ikunu fil-gabina u hu kien jaghtihom lin-nies biex jilbsuhom. Imbaghad kien jinzel biex jorbot il-habel mal-ganc tal-pastiga. Ma jistax jitqabbad mal-jip tal-*crane* ; lanqas mal-*cable*.

Qal li huwa kellu dizgwid kbir ma` Jason Zammit fuq kwistjonijiet ohra.

Spjega li jekk il-*wire* ikun wasal fuq nett, il-*crane* kien jiggrippa ruhu, izda jekk tibqa` taghtih il-gass, il-*crane* jibqa` tiela`. Huwa kkonferma li l-*crane* kellu qanpiena li gieli kienet iddoqq u gieli le. Jekk iddoqq il-qanpiena, u l-*crane* jibqa` jinghata l-gass, dan jibqa` tiela` xorta mhux jieqaf. Fil-krejnijiet il-moderni jibqa` tiela` xorta jekk jinghata l-gass.

**2. <u>L-ewwel relazzjoni tal-perit tekniku</u>**

**i) <u>Osservazzjonijiet</u>**

Fir-relazzjoni, il-perit tekniku jaghmel dawn **<u>l-osservazzjonijiet</u>** :-

*a) Illi l-crane illi gie utilizzat waqt l-access tal-20 ta` Marzu gewwa l-plant tar-Roc-A-Go, ma kienx l-istess wiehed tal-incident li fih kienu involuti l-atturi.*

*b) Anke jekk il-hook tal-crane ikollha safety catch u l-boom tal-crane jittella` b` velocita` eccessiva, u b` hekk ikun hemm is-sitwazzjoni kif tidher f` Dok MC 2, is-safety catch ma tiflahx il-piz tal-gagga u zewg persuni meta tkun orizzontali. Din is-safety catch qatt ma ghandha tigi f` din il-pozizzjoni, sakemm il-boom ma jittellax b` velocita` eccessiva u l-crane ikollu cut out biex il-pastiga ma tkunx tista` tasal sal-punt indikat f` Dok MC 2/3.*

*c) L-esponent ghamel referenza ghax-xhieda ta` David Saliba, il-kap tat-taqsima teknika fi hdan l-awtorita` tas-sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol a fol 39 tal-process huwa xehed illi l-hook ma kelliex safety catch (kelp). A fol 40 fil-process huwa kompla jixhed illi safety catch huwa ma sabx fuq il-post.*

*d) Fic-certifikat tal-crane tat-tip Coles, a fol 49 fil-process fl-item Term near hook, hemm imnizzel to be repaired.*

*e) Fl-affidavit ta` Ronnie Spiteri a fol 54 fil-process, dan jghid illi jiftakar illi l-ganc ma kellux safety catch/safety latch.*

*f) Fl-affidavit ta` Stephen Azzopardi a fol 62 tal-process, dan ix-xhud jghid illi l-operatur tal-crane waqt li kien qiegehd itellaghhom kien qieghed jitkellem fuq il-mobile phone tieghu.*

*g) Ix-xhieda tas-senior Manager Vince Attard fl-awtorita` tas-Sahha u tas-Sigurta fuq il-post tax-xoghol a fol 95 fil-process jixhed illi safety catch tal-ganc tal-crane jghid illi dan ma kellux.*

**ii) <u>Konkluzjonijiet</u>**

Dawn kienu l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku :-

*i. Illi hija l-fehma ta` l-esponenti illi l-ezitu tal-incident kien jiddependi hafna fuq ir-rata (velocita) b` kemm il-boom tal-crane kien qieghed jigi estiz.*

*ii. Jekk il-velocita` tal-estenzjoni tal-gib kienet eccessiva, l-incident kien isehh xorta wahda, anke jekk il-hook kellha safety catch. Dok MC 1/2/3.*

*iii. Minn naha l-ohra jekk il-velocita` tal-estensjoni tal-gib kienet 'normali', jigifieri velocita` li normalment tkun uzata meta il-crane ikun qieghed jittrasporta tnejn minn nies sospizi f` gagga l-incident kien ikun ferm aktar difficli li jsehh, kemm-il darba il-hook tkun mghammra b` safety catch.*

*iv. Illi jekk il-crane kellu xi tip ta` cut out, illi kien iwaqqaf il-crane meta l-pastiga kienet tasasl qrib it-tarf tal-boom, dan l-incident ma kienx isehh.*

*v. Illi l-operator tal-crane kellu jkun attent il-hin kollu u jsegwi l-andament tal-crane u mhux ikun distratt minn affarijiet li ma jhalluhx jikkoncentra fuq dan li jkun qieghed jaghmel.*

## 3. <u>It-tieni relazzjoni tal-perit tekniku</u>

Il-Perit Mario Cassar inghata inkariku iehor mill-Qorti sabiex jispezzjona z-zewg harnesses li rrefera ghalihom Victor Micallef fix-xiehda tieghu, u li pprezenta lill-Qorti ghall-fini ta` stharrig.

Il-perit tekniku jaghmel dawn il-**<u>kostatazzjonijiet</u>** :-

*1) Illi z-zewg safety harnesses huma ta` produzzjoni Taljana, tat-tip Class 3 Full body harnesses are designed to arrest the most severe free ralls DOk MC1, MC2.*

*2) Dawn huma regolati bin-norma BS EN 12277-2007.*

*3) Illi fuq iz-zewg harnesses provduti, il-labelling ma ghadux legibbli.*

*4) Illi dawn huma sospizi min-naha tad-dahar b` habel li fit-tarf teighu ghandu clip li ghandha tigi sospiza ma` punt fiss. Ta` min jinnota d-daqs ta` din il-clip. DOk MC3.*

## III. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza</u>

Bl-ewwel eccezzjoni taghhom, il-kjamati fil-kawza jghidu li l-kawza kif promossa hija nulla billi jghidu li l-atturi ma setghux jaghmlu kawza ghad-danni <u>flimkien</u>.

Il-Qorti tirrimarka li eccezzjoni identika kienet inghatat mis-socjeta` konvenuta izda din kienet rtirata fil-mori tal-kawza..

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**<u>Art 161(3) tal-Kap 12</u>** li jaqra :-

*Zewg atturi jew aktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta` rikors guramentat jew rikors mhux guramentat wiehed skont il-kaz, jekk il-kawzi jkollhom x`jaqsmu ma` xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista` tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jingiebu f`wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra. Ir-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu dikjarati b`mod car u specifiku minn kull attur.*

Jirrizulta li z-zewg atturi kienu involuti fl-incident de quo u garrbu griehi fl-istess incident. Ghajr ghal dak li jirrigwarda l-prova tad-danni, propju ghaliex id-danni ta` wiehed kienu ta` natura diversa minn tal-iehor, il-provi dwar id-dinamika tal-incident kienu tat-tnejn l-istess. Anke d-danni reklamati mill-atturi kienu naxxenti mill-incident incident. Ghalkemm id-disposizzjoni citata tirrikjedi illi kull attur jiddikjara b` mod separat ir-raguni ghalfejn qed isir il-kawza u l-mertu taghha, jekk fil-kaz tal-lum ma sarx hekk mill-atturi bil-*punto e vingola* ma jfissirx li l-azzjoni attrici hija nulla. L-assjem tal-azzjoni hija fis-sostanza kif trid il-ligi. Bl-impostazzjoni tal-azzjoni, il-kontraditturi tal-atturi ma garrbu l-ebda pregudizzju ghad-difiza taghhom.

**Ghalhekk qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza.**

## IV. Responsabilita` ghall-incident

Huwa evidenti mill-mod kif kienet impostata l-kawza illi l-atturi mputaw il-htija ghall-incident u ghall-konsegwenzi tal-istess kif gej :-

i) fil-kaz ta` Paza Limited : min-naha wahda htija aquiliana, u min-naha l-ohra htija naxxenti mill-obbligu taghha bhala *employer* li *ex lege* thares is-sahha u s-sigurta` taghhom bhala impjegati taghha waqt ix-xoghol. Fil-mori tal-kawza, l-azzjoni kontra Paza Limited kienet ceduta wara transazzjoni konkluza mill-atturi maghha.

ii) fil-kaz ta` Roc-A-Go Crane Services Limited : minn naha wahda htija aquiliana, u min-naha l-ohra htija *ex lege* : din tal-ahhar ghaliex ghalkemm l-atturi ma kienux impjegati taghha fis-sens li ma kienux fuq il-*payroll* taghha, hija xorta wahda kellha fil-konfront taghhom obbligu *ex lege* li thares is-sahha u s-sigurta` taghhom waqt ix-xoghol propju ghaliex ipprovdiet il-crane lill-principal taghhom. Roc-A-Go Crane Services Limited kienet taht *contract for services* ma` Paza Limited, u allura kienet taqa` taht id-definizzjoni ta` *min ihaddem* ghall-finijiet u effetti kollha tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 424). Wiehed mill-Avvizi Legali li kienu hargu skont dak l-Att kien l-Avviz Legali 282 tal-2004 imsejjah Regolamenti dwar Apparat tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurta` u s-Sahha) li jittratta dwar id-diversi mizuri ta` sigurta` li ghandu jkollu apparat tax-xoghol bhal ma huwa crane. "Apparat tax-xoghol" huwa definit bhala *kull magna, apparat, ghodda jew stallazzjoni fuq ix-xoghol.* Fid-data tal-incident, u cioe` 17 ta` Frar 2006, dawn kienu r-regolamenti vigenti ghar-rigward ta` apparat tax-xoghol.

iii) fil-kaz ta` Jason Zammit : htija aquiliana anke ghaliex skont il-Kap 424 u r-Regolamenti vigenti taht dak l-Att, haddiem ghandu obbligu li mhux biss ihares is-sahha u s-sigurta` tieghu stess izda anke s-sahha u s-sigurta` ta` haddiema shabu, l-atturi nkluzi.

iv) il-kaz ta` Victor Micallef u Louis Micallef : htija aquiliana bhala dirigenti ta` Roc-A-Go Crane Services Limited.

**Dan premess, il-Qorti tqis illi mill-kumpless tal-provi rrizulta li l-incident mertu ta` din il-kawza sehh principalment ghaliex kien hemm mankanzi serji fil-crane Coles Nru DAA 574, propjeta` tal-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited, li kagun taghhom gara**

**l-incident u l-korriment konsegwenti tal-atturi. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni abbazi ta` li gej :-**

**<u>Fl-ewwel lok</u>** :

Saret il-prova konklussiva li l-crane in kwistjoni ma kienx certifikat sabiex jerfa` persuni. Mix-xiehda tal-Ing. Mario Magri (inkarikat mill-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited), jemergi li l-crane kien iccertifikat biex jerfa` taghbija sa certu limitu ta` toqol, izda mhux persuni ndistintament mit-toqol (ara d-deposizzjoni tax-xhud tal-14 ta` Mejju 2015). Ladarba rrizulta ppruvat illi l-atturi kienu fil-gagga qeghdin jittellghu fil-gholi mill-crane sabiex iwahhlu poster ma` billboard, allura jsegwi li l-crane ma kienx qed jintuza skont ic-certifikazzjoni tieghu. Il-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited u l-kjamati fil-kawza sostnew il-maqlub ta` dak kien ippruvat. Il-Qorti ma tistax toqghod biss fuq li xehdu, rinfaccjata kif inhi bi prova teknika li tghid xort`ohra. Kienet tispetta lilhom prova li tghid xort`ohra, liema prova pero` ma saritx. L-uniku rapport prezentat kien dak mahrug jiem wara li sehh l-incident (vide fol 48 et seq) ; dwar dan ic-certifikat l-Ing Magri kkonferma li d-dokument kien intiz sabiex jiccertifika li l-crane seta` jintuza biex jerfa` *loads* mhux persuni.

**<u>Fit-tieni lok</u>** :

Irrizulta li l-crane ma kienx armat b` sistema ta` *safety cut out switch* sabiex fil-kaz li waqt l-operazzjoni, il-crane ikun ser jiskorri l-limitu tieghu, allura jieqaf u ma jibqax jopera. Lanqas ma rrizulta li l-crane kien munit b`xi tip ta` *alarm* sabiex fil-kaz li jkun ser jinqabez il-limitu, jinghata s-sinjal lill-operatur sabiex ikun jaf bil-periklu. Abbazi tal-provi, jidher li l-crane ma kellux dawn il-mizuri mill-aktar elementari ta` prevenzjoni tar-riskju u tal-periklu. Ir-riskju u l-periklu huma zewg fatturi distinti minn xulxin. Il-kjamat fil-kawza Victor Micallef kif ukoll l-eks impjegat Anthony Theuma sostnew li l-crane kellu qanpiena, ghalkemm tal-ahhar fisser illi l-qanpiena mhux dejjem kienet tahdem. Cio` nonostante l-Qorti taghti affidament lix-xiehda tal-Ing Magri li *senza mezzi termini* stqarr li l-crane ma kellux qanpiena jew *alarm* iehor.

Kien hemm insistenza da parti ta` l-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited u tal-kjamati fil-kawza illi mizuri ta` sigurta` gew introdotti ferm wara li sehh l-incident, u fi cranes moderni mhux bhal dak tal-incident.

Madanakollu waqt l-eskussjoni, il-perit tekniku ghamilha cara illi fiz-zmien li sehh l-incident, il-cranes kienu diga` qed jigu mghammra b`dawk it-tip ta` *safety devices,* mhux biss meta jkunu qed jerfghu persuni fil-gagga, izda bhala norma.

Sar l-argument illi anke li kieku kien hemm sistemi ta` sigurta`, l-incident kien jigri xorta, peress li l-operatur irrizulta li ghafas il-gas u ghalhekk, minkejja li l-crane ikun qed jiggrippja, il-ganc baqa` tiela` sakemm habat mal-pastiga, tort ta` n-negligenza ta` l-operatur u cioe` tal-konvenut Jasonb Zammit. Dwar ir-responsabbilita` o meno ta` l-operatur, il-Qorti sejra tesprimi ruhha `l quddiem. Madanakollu l-Qorti ma tarax li dan huwa argument li tista` torbot fuqu ghaliex irrizulta l-crane kellu jkun munit b` sistemi ta` sigurta` partikolari ladarba Roc-A-Go Crane Services Limited kienet taf li bl-uzu li kellu jsir tal-crane u cioe` li jittellghu haddiema go gagga fil-gholi sabiex iwahhlu poster ma` billboard.

**Il-kjamati fil-kawza u Roc-A-Go Crane Services Limited ghamlu l-argument illi l-linji gwida dwar *risk assessments* u sistemi ta` sigurta` li ghandhom jigu utilizzati nhargu mill-Awtorita` tas-Sahha u tas-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol zmien wara li sehh dan l-incident. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-ligi. Il-Qorti qeghda tiskarta dan l-argument ghaliex huwa legalment infondat. L-incident gara fis-17 ta` Frar 2006. Sad-29 ta` Jannar 2002 il-Kap 424 kien diga` kollu fis-sehh. L-Att principali kien diga` jitkellem dwar l-obbligu ta` min ihaddem li jaghmel *risk assessments*. Imbaghad bl-Avviz Legali 36 tal-2003 imsejjah Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, il-htiega statutorja ta` *risk assessments* kienet legislata b`mod aktar incisiv u komprensiv. Ghalhekk il-kjamati fil-kawza u Roc-A-Go Crane Services Limited huma zbaljati ghal kollox.**

Imbaghad tressaq bhala xhud Anthony Theuma li bl-aktar mod spregudikat stqarr illi jumejn wara l-incident, rega` ghamel uzu ta` l-crane tal-incident biex itella` n-nies u ma gralhom xejn. U kompla jinsisti li kienu is-snin jaghmel uzu ta` *dak* il-crane u qatt ma gara incident. Forsi Anthony Theuma ma kienx jaf li s-sahha u s-sigurta` mhumiex *a game of chance.* Jigru l-incidenti ghaliex is-sahha u s-sigurta` jigu trattati bhal donnu kollox ighaddi. *Purtroppo non e` cosi`.* Incident jigri minhabba *errore umano* xi drabi difficilment spjegabbli, fil-bicca l-kbira tal-kazi jigri ghaliex wiehed ikun qed *jilghab man-nar* bhal donnu l-periklu huwa parti integrali u inxindibbli tax-xoghol. Dan m`ghandu qatt ikun il-kaz. Bil-prevenzjoni tar-

riskju u b`mizuri li jqeghdu r-riskju taht kontroll, incident jista` jigi skansat jew almenu minimizzat. Fil-kaz tal-lum kollox mar *overboard* bhal donnu s-sahha tal-haddiem tiswa mill-inqas.

**<u>Fit-tielet lok</u> :**

Jirrizulta illi l-ganc tal-pastiga ma kellux *safety catch.* Dan huwa ppruvat kemm mill-kostatazzjonijiet ta` l-Perit Richard Aquilina, li kien mahtur bhala espert fl-inkjesta magisterjali li saret wara l-incident. Fil-*proces verbal* esebit a fol 17 et seq hemm konferma ta` dan. Inoltre hemm ix-xiehda tal-ufficjali tal-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol li marru immedjatament fuq il-post ftit tal-hin wara li sehh l-incident. L-atturi ukoll stqarrew li ma kienx hemm din is-*safety catch.* Din il-verzjoni titwemmen aktar u aktar meta l-Qorti tqis illi l-attur Ronnie Spiteri kien qed iqabbad kif ukoll jizganca l-gagga minn mal-ganc tal-pastiga. L-istess konvenut Jason Zammit xehed li ma kienx hemm *safety catch* ghalkemm f` okkazzjoni ohra fix-xiehda tieghu evita li jwiegeb bil-frazi *ormai sibillina* li *ma jiftakarx* !

Il-Qorti qieset l-allegazzjoni li ghamlu l-kjamati fil-kawza. Victor Micallef qal li mar l-ghada tal-incident fduq is-sit u sab is-*safety catch* mirduma fil-haxix. Il-Qorti mhijiex sejra taghti affidament ghal din il-verzjoni. Jekk tassew gara hekk, il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li Micallef kien javza lill-awtoritajiet, fosthom l-Awtorita` tas-Sahha u tas-Sigurta` ; mhux joqghod izomm jistura ghandu s-*safety catch* forsi jsib htiega li jipprezentaha - haseb hu – bhala prova – anke snin wara – go kawza tax-xorta tal-lum.

Il-htiega ta` s-*safety catch* kienet sottolinjata kemm mill-ufficjali ta` l-Awtorita`, kif ukoll mill-Perit Mario Cassar li sab illi jekk il-velocita` tal-manuvra adoperata kienet wahda normali, kien ikun ferm aktar difficli li l-gagga *tinbezaq* `il barra.

**Ghalhekk u tenut kont ta` dan il-kumulu ta` fatti u cirkostanzi, il-Qorti tqis li l-kawza tal-incident kienet imputabbli <u>principalment</u> ghall-kondizzjoni tal-crane.**

Dwar min ghandu jkun ritenut responsabbli, irrizulta mill-provi li l-crane kien registrat fl-isem ta` l-kjamat fil-kawza Victor Micallef fid-data tal-incident.

Madankollu, irrizulta wkoll li l-crane kien proprjeta` ta` Roc-A-Go Crane Services Limited.

Dan il-fatt huwa kkonfermat kemm mill-*proces verbal* kif ukoll mix-xiehda ta` l-ufficjali ta` l-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol.

Anke l-Ing. Mario Magri fic-certifikat rilaxxjat a fol 48 et seq, jirrimarka li s-sid hija Roc-A-Go.

Fl-istess sens, kienet ix-xiehda ta` John Zammit li kkonferma li l-crane in kwistjoni nghata lilu minn Roc-a-Go Crane Services Limited.

Irrizulta wkoll li Paza Limited tat *contract for services* ghall-provvista tal-crane lill-konvenuta Roc-A-Go.

Din il-Qorti ma tarax li Victor Micallef *de proprio* ghandu jinzamm responsabbli personalment ghall-mankanzi (aktar kmieni ndikati) li kellu l-crane de quo. Irrizulta li l-crane kien propjeta` ta` socjeta` mhux tieghu. Jidher illi saret ir-registrazzjoni fuq Victor Micallef ghax ma kienx possibbli li jsir mod iehor mhux ghax dan kien is-sid. Irrizulta wkoll illi originarjament il-crane de quo kien fuq isem Louis Micallef, huwa direttur u azzjonista ta` Roc-A-Go Crane Services Limited, imbaghad dar fuq Victor Micallef, in segwitu fuq isem l-iben ta` Victor Micallef, probabilment wara li kif stqarr Victor Micallef huwa ghadda n-negozju lil uliedu. Irrizulta wkoll li Victor Micallef huwa azzjonist fis-socjeta` Roc-A-Go Crane Services Limited, u ghalhekk dan ikompli jwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-*crane* kien effettivament proprjeta` ta` Roc-A-Go Crane Services Limited, u ghalhekk hija din is-socjeta` konvenuta ghandha tbati l-konsegwenzi tal-mankanzi gravi li kellu l-crane.

Dwar ir-responsabilita` ta` Louis Micallef *qua* direttur tas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti hija tal-fehma l-*contract for services* kien konkluz

mas-socjeta` Roc-A-Go Crane Services Limited mhux ma` Louis Micallef *de proprio* u fil-kawza tal-lum Louis Micallef huwa mharrek *de proprio.* In-negligenza kienet tas-socjeta`. Mhux kondiviz l-argument tal-atturi li Louis Micallef ghandu jinzamm responsabbli ghal dak li sehh peress li huwa ma pprovdiex a *safe place of work.* Ladarba l-*contract for services* ghall-fini tal-Kap 424 kien konkluz ma` Roc-A-Go Crane Services Limited mhux ma` Louis Micallef lanqas ma` Victor Micallef ir-responsabilita` li tithares is-sahha u s-sigurta` ta` l-haddiema ta` l-atturi, anke jekk haddiema ta` Paza Limited, kienet responsabilita` ta` Roc-A-Go Crane Services Limited mhux ta` Victor Micallef jew Louis Micallef, lanqas ghal fini ta` *culpa aquiliana* ; del resto lanqas kienu fuq il-post meta gara l-incident.

**Il-Qorti tqis li Roc-A-Go Crane Services Limited ghandha ggorr responsabilita` ghall-incident tal-atturi u ghall-konsegwenzi tieghu fil-grad ta` 65%.**

Dan premess u accertat il-Qorti tqis illi anke **l-konvenut Jason Zammit** ghandu jgorr parti mir-responsabilita` ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu. Fil-kaz tieghu, il-Qorti ssib li kkonkorra ghall-incident u relativi konsegwenzi ghaliex naqas li jezegwixxi l-inkariku li nghata bhala operator tal-crane de quo bil-prudenza u bid-diligenza ta` bonus paterfamilias, kif ukoll naqas li jhares is-sahha u s-sigurta` ta` haddiema ohra li kienu jiddependu mill-operat tieghu ghas-sahha u s-sigurta` taghhom. Tajjeb jinghad illi skont ir-**Reg 15(1) u (2)(a) tal-Avviz Legali 36 tal-2003** :

*"Ghandu jkun id-dmir ta` kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista` jkun is-sahha u s-sigurta` tieghu stess kif ukoll dawk ta` persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skont it-taghrif u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem ... ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li ... jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda ..."*

**Din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut Jason Zammit ghandu wkoll jerfa` parti mir-responsabbilita` ghall-incident u relativi konsegwenzi.**

Irrizulta mix-xiehda ta` Jason Zammit li fejn sehh l-incident kien ftit perikoluz peress li fl-ewwel lok, kien hemm *wires* ta` l-elettriku u ghalhekk, ried joqghod attent li dawn ma jintlaqtux bil-crane, u fit-tieni lok, kien hemm ukoll hajt bejn l-ghalqa fejn tnizzlet il-gagga u l-crane, u ghalhekk il-gagga

ma setghetx tinqala` minnu bhala operator ghaliex kellu bzonn l-ghajnuna ta` wiehed mill-istess haddiema, fil-kaz tal-attur l-attur Ronnie Spiteri.

Tenut kont ta` dawn ic-cirkostanzi, kien jinkombi Jason Zammit li jkun aktar attent u juza kawtela u sengha fil-mod kif kien qed iwettaq l-inkariku tieghu.

Din il-Qorti taghti affidabilita` lill-verzjoni tal-attur Stephen Azzopardi meta jistqarr illi waqt li kien qed jopera l-crane ftit qabel l-incident, Jason Zammit kien qed jitkellem fuq il-*mobile phone.* Is-sewwa fil-verzjoni ta` Azzopardi ssib konferma fix-xiehda tal-kjamati fil-kawza meta jghidu li Zammit stqarr maghhom li kien qed jitkellem fuq il-*mobile phone* waqt li kien qed jopera l-crane. Din il-Qorti ma taghtix affidament ghal dak li sostna Zammit fis-sens li huwa tkellem fuq il-*mobile phone* meta idejh kienu liberi milli joperaw il-crane u mhux waqt l-operazzjoni ta` l-crane.

L-assjem tal-fatti u cirkostanzi li jemergu mill-provi jwassal lil din il-Qorti ghall-konvinzjoni li fattur li kkontribwixxa ghall-incident kien illi minhabba nuqqas ta` diligenza u non-kuranza, l-operatur tal-crane, b`id wahda jzomm il-*mobile phone* biex jitkellem, baqa` jtella` l-pastiga sa fuq nett bl-atturi fil-gagga u fl-gholi tant li habtet mal-*boom head* il-pastiga tghawwget bil-konsegwenza li l-ganc tghawweg u l-gagga harget u marret ghal isfel.. Dan huwa in konfromita` ma` dak li ntqal dwar id-dinamika ta` l-incident kemm mill-Ing.r Vince Attard kif ukoll mill-verzjonijiet moghtija mill-atturi u dak rapportat fil-*proces verbal.* Din il-Qorti terga` tishaq li dan seta` gie evitat li kieku fil-*crane* kien hemm *safety features* bhal *alarm* li kien jigbed l-attenzjoni tas-sewwieq. Madanakollu, in-nuqqasijiet tal-crane indikati aktar kmieni ma jiskagonawx lil Zammit mill-kontribuzzjoni tieghu fir-responsabilita` ghall-incident.

Din il-Qorti ma tqisx bhala verosimili l-verzjoni moghtija minn Jason Zammit meta sostna li l-crane kellu difett fil-*lever* peress li dan kien jehel u li kien ghalhekk sehh l-incident peress li l-pastiga baqghet tiela` ghaliex wehel il-*lever*. Qal dan waqt l-access li zamm il-perit tekniku, li sehh zmien wara l-incident, kif ukoll fix-xiehda *viva voce.* Pero` fl-affidavit tieghu ma qal xejn dwar dan. Ghal din il-Qorti din hija skuza li holoq Zammit waqt dawn il-proceduri biex b` xi mod jittenta jiskolpa ruhu mill-agir negligenti tieghu. Li kieku tassew kien hemm problema bil-*lever*, dan kien jissemma u alllura kien ikun mistharreg anke teknikament mill-esperti *a tempo vergine.* Fil-kontroezami, Zammit sostna li huwa ma tkellimx dwar il-fatt (u allura kien

reticenti !) ghaliex kien ghadu mpjegat mas-socjeta` konvenuta u zamm kollox go fih. Madanakollu rrizulta mix-xiehda ta` Victor Micallef illi Zammit telaq mix-xoghol l-ghada stess li sehh l-incident minhabba disgwid fuq ix-xoghol. Ghalhekk Zammit ma kellux ghalfejn joqghod izomm go fih u jistor fatt tant important bhal difett fil-*lever*. Inoltre hemm ukoll ix-xiehda ta` Anthony Theuma li ma jsemmi xejn dwar difetti fil-*lever*.

Lanqas ma huwa attendibbli l-argument illi ghandha tkun is-socjeta` Roc-A-Go Crane Services Limited li terfa` r-responsabilita` tan-nuqqasijiet ta` Zammit ghaliex kien impjegat maghha.

Huwa fatt li Zammit kien ilu jaghmel ix-xoghol lilu assenjat ghal bosta snin. Hu allura kien edott mill-kwalità tax-xoghol u l-ezekuzzjoni tajba u korretta tal-istess, inkluz il-mizuri prekawzjonali u ta` prevenzjoni li kellhom jittiehdu sabiex ix-xoghol jigi ezegwit minghajr perikolu ghalih innifsu u ghal haddiehor. Kien allura fid-dmir li jippresta attenzjoni ghall-inkolumità tieghu u ta` haddiehor. Min ihaddem m`ghandux jaghmel tajjeb ghan-negligenza grassa tal-impjegati tieghu meqjus il-fatt illi anke l-impjegat ghandu dmir ta` diligenza li temergi mhux biss mil-ligi generali (l-Art 1031 u 1032 tal-Kap 16) izda wkoll mil-ligijiet specjali li jirregolaw is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol (il-Kap 424 [Art 7(1)] u l-Avvizi Legali li hargu taht l-Att). Il-haddiem - specjalment dak tas-sengha, u crane operator huwa haddiem specjalizzat - ghandu jkun konxju tar-riskji u ta` l-perikli tax-xoghol tieghu, ma jistax jaghlaq ghajnejh ghall-ovvju, u m`ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara : "**<u>Sciriha vs O`Flaherty noe</u>**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta` Mejju, 1994). Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "**<u>Bray vs Petroni</u>**" tat-30 ta` Novembru 2001 kien rilevat illi :-

*"L-impjegat huwa wkoll obbligat li jipprova jevita incidenti li jistghu jwasslu ghall-korriment tieghu u jista` wkoll minhabba n-nuqqas ta` prudenza adoperata minnu jikkontribwixxi ghac-cirkostanzi li jkunu wasslu ghall-korriment tieghu. Jekk ma juzax tali prudenza d-danneggjat jista` jinstab li kkontribwixxa ghad-dannu soffert minnu."*

Fl-istess sens kienet is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` Dicembru 2002 fil-kawza "**<u>Busuttil vs Sammy noe</u>**" fejn saret riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell tal-5 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**<u>Micallef et vs Pisani et noe</u>**" fejn kien inghad :-

*"Ghall-obbligu ta` min ihaddem li jipprovdi `a safe system of work` ghal dik li hi supervizjoni u adegwatezza ta` l-attrezzi jikkorrispondi l-obbligu ta` min jahdem illi xoghlu jikkonducih `b` diligenza u b` attenzjoni b` mod li ma jipprovokax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati`."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` April 2005 fil-kawza "**Debono vs Malta Drydocks**", saret enfasi fuq l-obbligu tal-haddiem illi jippresta d-debita attenzjoni waqt ix-xoghol tieghu :-

*"Tajjeb li jinghad ukoll illi meta haddiem ikun gie istruwit kif ghandu jaghmel certu xoghol, u mwissi wkoll dwar l-ezistenza ta` perikolu potenzjali, wiehed ikollu jezamina jekk dan il-haddiem ikunx mexa konta l-istruzzjonijiet u kienx imprudenti dwar il-prekawzjonijiet li kellu jadopera. Id-diligenza u l-prudenza ordinarja mhix haga kostanti fl-entita` izda tiddependi mic-cirkostanzi."*

**Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti illi l-konvenut Jason Zammit ghandu jerfa` wkoll responsabilita` ghall-incident u relattivi konsegwenzi fi grad ta` 25%.**

**Li jibqa` x`jitqies huwa jekk l-atturi wkoll ikkontribwewx ghall-akkadut.**

Il-Qorti tibada billi teskludi ghal kollox li l-atturi jistghu jigu rinfaccjati mill-konvenuti bid-difiza ta` *volenti non fit injuria* ghaliex mill-fattispeci ta` dan il-kaz ma rrizultax dak li l-awtur **Charlesworth** fil-ktieb "**On Negligence**" (5th Edition – pag 364) jiddeskrivi bhala sitwazzjoni fejn persuna "*freely and voluntarily with full knowledge of the nature and extent of the risk he ran impliedly agreed to incur it*". U allura mhuwiex dan sitwazzjoni fejn "*a person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run.*" [**Charlesworth** – op. cit.)

Dan premess, tajjeb jinghad illi responsabilita` kontributorja ghandha sinjifikat legali ghal kollox divers minn *volenti non fit injuria.*

L-awturi **<u>Harvey</u>** u **<u>Marston</u>** fil-"**<u>Cases & Commentary on Tort</u>**" (Pitman – 1994) pag 146 jiccitaw lil Lord Denning fil-kawza ta` Davies :-

*"It has sometimes been suggested that an injured plaintiff is not guilty of contributory negligence unless he is under a duty of care towards the defendant …. In my opinion, it is not a correct approach. When a man steps into the road he owes a duty to himself to take care for his own safety, but he does not owe to a motorist who is going at an excessive speed any duty to avoid being run down. Nevertheless, if he does not keep a good lookout, he is guilty of contributory negligence. The real question is not whether the plaintiff was neglecting some legal duty, but whether he was acting as a responsible man and with reasonable care …."*

Fil-kaz ta` "**<u>Broom et vs Butcher</u>**" tal-1975, Lord Denning kien qal illi :-

*"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man`s carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man`s carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself."*

Meta tqis l-Art 1051 tal-Kap 16 fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti ssib kontribuzzjoni da parti tal-atturi, ghalkemm ta` entita` izghar meta mqabbla ma` dik tal-persuni li l-Qorti diga` ndikat.

Fil-fehma taghha l-kontribuzzjoni taghhom kienet kostitwita mill-imgieba taghhom fir-rigward tal-ilbies protettiv.

**L-obbligu li jipprovdi l-ilbies protettiv huwa ta` min ihaddem. Pero` il-fatt wahdu li jipprovdi l-ilbies protettiv mhuwiex bizzejjed ghaliex min ihaddem irid jassikura li l-haddiem jilbes dak l-ilbies protettiv. Fil-kaz tal-haddiem, ghandu l-obbligu li jilbes l-ilbies protettiv. U jekk ikun sprovvist, u jkun hemm il-periklu, m`ghandux jahdem. Ic-*checklist* ta` dawn il-principji sfortunatament ma ssirx bhala prassi izda meta jinqala` incident.**

Fil-kaz tal-lum irrizulta li waqt li l-attur Ronnie Spiteri kien haddiem ta` esperjenza f`dak it-tip ta` xoghol, l-attur Stephen Azzopardi kien ghadu principjant ghad illi kellu aktar zmien minn Ronnie Spiteri. Irrizulta li l-attur Ronnie Spiteri ma kienx liebes is-*safety helmet* izda kien liebes biss *safety shoes* mentri Stephen Azzopardi ma kien liebes xejn : la *safety helmet* u lanqas *safety shoes*. Irrizulta illi kien hemm *harness* ipprovdut minn Roc-A-Go Crane Services Limited. Il-kjamati fil-kawza sostnew li kien hemm zewg *harnesses* li kienu ghad-disposizzjoni tal-atturi. David Saliba mill-OHSA isemmi *harness* wahda.

Din il-Qorti ssib li z-zewg atturi kellhom l-obbligu li la jidhlu fil-gagga u wisq anqas jippermettu li jittellghu fil-gholi jekk ma jkunux provduti b`ilbies protettiv adegwat ghax-xoghol li kienu sejrin jaghmlu. Din il-Qorti tghid illi fil-kaz tal-lum il-harness, is-safety helmet u s-safety shoes kienu lkoll mehtiega. Jekk Paza Limited u Roc-A-Go Crane Services Limited kienu inadempjenti *in toto* jew *in parte*, l-atturi zbaljaw li qeghdu l-inkolumita` taghhom *at risk*. Anke dik tikkostitwixxi kontribuzzjoni ghall-fini tal-Art 1051 tal-Kap 16 ghaliex jekk direttament ghall-incident l-agir taghhom ma kkontribwiex certament ikkontribwixxa ghall-hsara. Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt illi fit-tieni rapport tieghu, il-perit tekniku jirrimarka dwar ic-cokon tal-*clip* ta` l-*harness*es. Hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li Victor Micallef insista li l-*harness* jintrabat mhux mal-ganc tal-pastiga izda ma` holqa li hemm fil-*cable* tal-*wire*. Qal hekk sabiex b` xi mod igib l-argument illi kieku l-atturi kienu lebsin il-*harness*, huma kienu jibqghu mdendlin mal-*harness* u ma kinux jibqghu nezlin gol-gagga fl-art. Il-Qorti hadet konjizzjoni ukoll tal-fatt li z-zewg atturi rrimarkaw li l-ganc tal-*crane* ma kellux *safety catch/safety latch*. Din il-Qorti tghid illi ladarba innutaw dak il-fatt, l-atturi ma messhomx dahlu fil-gagga u ppermettew li jittellghu fil-gholi.

**Il-Qorti taddebita wkoll htija kontributorja lil kull attur fi grad ta` 10%.**

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom Roc-A-Go Crane Services Limited u l-kjamati fil-kawza jgibu l-argument illi ladarba fil-mori l-attur cedew il-kawza kontra l-konvenuta Paza Limited minhabba transazzjoni, i) jekk l-atturi thallsu kumpens minghand Paza Limited, dak il-hlas kellu jitnaqqas minn kwalsiasi likwidazzjoni ta` danni li talvolta tista` ssir favur taghhom altrimenti l-atturi jkun qeghdin jaghmlu arrikkiment indebitu u ingust, u (ii) jekk saret transazzjoni, dak ifisser li Paza Limited accettat responsabbilita` ghall-incident ad eskluzjoni taghhom.

Din il-Qorti tahsibha diversament.

Jekk Roc-A-Go Crane Services Limited u l-kjamati fil-kawza dehrilhom li t-transazzjoni bejn l-atturi u Paza Limited seta` kellha effett fuq id-difiza taghhom kontra l-istanza attrici, kien messhom talbu li jipprezentaw risposta ulterjuri fejn iressqu l-eccezzjoni taghhom. Minn dan m`ghamlu xejn.

Jekk Roc-A-Go Crane Services Limited u l-kjamati fil-kawza kellhom interess ikun jafu l-import tat-transazzjoni, kien messhom ghamlu d-domandi opportuni lill-atturi waqt il-kontroezami, jew jipproducu lill-atturi bhala xhieda taghhom. Minn dan ma ghamlu xejn.

Minflok illimitaw ruhhom ghal kongetturi li m`ghandhomx valur probatorju.

B`zieda ma` dan, u ghar-ragunijiet li fissret aktar kmieni, Roc-A-Go Crane Services Limited u l-kjamati fil-kawza ghandhom posizzjoni distinta fil-kawza tal-lum fis-sens illi filwaqt li l-kjamati fil-kawza jistghu jgibu l-argument li l-azzjoni kontra taghhom hija dik ghal culpa aquiliana fil-kaz ta` Roc-A-Go Crane Services Limited l-azzjoni hija kemm ghal culpa aquiliana u kif ukoll skont il-Kap 424 kif diga` rajna. Ghalhekk mhijiex legalment korretta Roc-A-Go Crane Services Limited meta tghid illi l-atturi kien messhom irreklamaw danni minghand min ihaddimhom.

**Permezz tal-ewwel talba, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta` responsabilita` solidali.**

**Din il-Qorti sejra tirrespingi din it-talba peress illi - kif diga` rrizulta – hija stabbiliet il-grad ta` responsabilita` tal-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited u tal-konvenut Jason Zammit. Apparti dan, ma rrizultax li l-imgieba taghhom kienet doluza.**

**Ghalhekk dan mhux kaz fejn il-kundanna ghandha tkun *in solidum.***

## V. Likwidazzjoni tad-danni

### 1. L-attur Ronnie Spiteri

L-attur Ronnie Spiteri xehed li huwa twieled fit-22 ta` April 1971. Fid-data tal-incident kellu 34 sena. Qal illi huwa kien ghadu ghaddej bil-kura taht it-Tabib Kirurgu Anthony Bernard. Bhala qligh li huwa qieghed taht il-kura ta` Mr Anthony Bernard. Fis-sena tal-korriment, kellu qligh ta` Lm 3,794. Fl-2007 kellu Lm 5,248. Sentejn wara l-incident rega` beda jahdem ma` Paza Limited fejn kien ghadu jahdem. Illum ma` Paza Limited ma jaghmilx xoghol ta` strapazz minhabba l-kundizzjoni tieghu. Kemm dam barra mix-xoghol minhabba l-korriment thallas is-salarju tieghu.

#### i) ***Damnum emergens***

Bhala *damnum emergens* kif imfisser fil-gurisprudenza taghha, l-attur Ronnie Spiteri ma ressaqx provi.

#### ii) ***Recurrent expenses***

Tressqet bhala xhud it-Tabib Louise Gatt li stqarret illi anke llum Ronnie Spiteri kien ghadu qed ibati minn ugigh gej min-nervituri. Ghal din il-kondizzjoni, taghtu l-medicina Lyrica li hija tapposta ghal neuropathic pain. Kaxxa minn dawn il-pilloli tiswa` €105 u sservi ghal 28 jum. Kien ipprezentat certifikat tal-istess tabiba datat 20 ta` Settembru 2015 li ccertifika li Ronnie Spiteri ghandu bzonn dawn il-pilloli ghal zmien indefinit. Kien ipprezentat ukoll dokument datat 5 ta` Jannar 2015 fejn jinghad li Ronnie Spiteri jsib serhan mill-ugigh b`dawn il-pilloli. Ix-xiehda ta` Dr Gatt mhijiex kontradetta.

Il-Qorti hija konxja li l-qrati taghna akkordaw dawn l-ghamla ta` danni (ara :- Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Carmelo Mifsud vs Perit Vincent Cassar noe**" – 2 ta` April 1998 ; "**Elizabeth Grech et vs Mario Briffa**" – 21 ta` Frar 1997 ; "**Paul Portelli vs Emanuel Scerri**" – 27 ta` Novembru 2006 ; u "**Natalina sive` Nathalie Ciancio vs Fondazzjoni Ghal Servizzi ta` Harsien Socjali**" : 27 ta` Frar 2014)

Wara li tat d-debita konsiderazzjoni ghal kull fattur rilevanti, il-Qorti qeghda takkorda dawn id-danni u tistabilixxi l-entita` taghhom *arbitrio boni viri* fl-ammont ta` **€6,000**.

**iii) *Lucrum cessans***

Irrizulta mill-provi li Ronnie Spiteri garrab debilita` permanenti bhala konsegwenza tal-incident de quo.

Il-Qorti sejra tadotta l-formola ta` s-sentenza "**Butler vs Heard**" kif raffinata b`ghadd kbir ta` sentenzi li gew wara, li filwaqt li hadu kont tal-provi u ttrattaw kull kaz fuq il-mertu tieghu, bla dubju ta` xejn servu sabiex jarrikkixxu dan il-kamp tad-dritt.

**a) *Multiplier***

Irrizulta li Ronnie Spiteri kellu 34 sena fid-data tal-incident.

Dwar il-*multiplier* il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "**Mario Mifsud vs Roderick Azzopardi**" li kienet deciza fil-25 ta` Jannar 2012.

Inghad hekk :-

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta` Mejju, 2005 fl-ismijiet John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad :*

*"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Ilmetodu ta` likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza Butler vs Heard deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta` Dicembru, 1967. F`dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c- "chances and changes of life", b`mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa` jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b`hekk ikun*

*ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta` tal-pensjoni.*

*Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati listess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta` April,1963 kienet qalet:*

*"f`din il-materja ta` lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b`kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta` possibilta` u mhux ta` certezza u jkun jista` jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."*

*Fil-kawza fl-ismijiet Darren Sammut vs Eric Zammit deciza mill-Onor. Qorti ta` l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta` Dicembru, 2004 intqal :*

*"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-`multiplier` adottat mill-Qorti ta` l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f`kawzi ghar-rizarciment ta` danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-`multiplier` u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b`mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta` paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti in toto. Izda fir-rigward ta` telf ta` qligh li dik ilpersuna tbati `l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b`mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta` inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara. Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta` ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta` `Buttler vs Heard` – b`dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa` tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala `lucrum cessans` - jipprova jimprimi sens ta` gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi taddanneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."*

*Il-multiplier adoperat varja u kien ta` 5 snin fil-kaz ta` persuna ta` 53 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004, ta` 15 fil-kaz ta` persuna ta` 22 sena Butler vs Heard App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta` 24 Gauci vs Xuereb PA 29-Ott-1970, ta` 18 fuq persuna ta` 28 sena Camilleri vs*

*Polidano PA 1-Ott-1982, ta` 18 fil-kaz ta` persuna ta` 42 Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999, ta` 20 fil-kaz ta` persuna ta` 34 sena Bugeja vs Agius App Civ Sup 26-Lul-1991, ta` 20 fil-kaz ta` persuna ta` 33 sena Dalmas vs Ghigo App Civ Sup 5-Frar-1980, ta` 25 fil-kaz ta` persuna ta` 30 sena Caruana vs Camilleri App Civ Sup 27-Feb-2004, ta` 26 fil-kaz ta` persuna ta` 35 sena Seisun vs Brincat PA 29-Ott-1998, ta` 30 fil-kaz ta` persuna ta` 17 Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov- 2003, ta` 30 fil-kaz ta` persuna ta` 26 Grima vs Penza PA 30-Gun-2004, ta` 30 fil-kaz ta` persuna ta` 23 sena Zammit vs Zahra PA 20-Jan-2005, ta` 35 fil-kaz ta` persuna ta` 18 sena Sammut vs Zammit App Civ Sup 3- Dic-2004, ta` 36 fil-kaz ta` persuna ta` 20 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004.*

*Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta` Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta` multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni laspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara Bugeja vs Agius fuq imsemmija].*

*Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta` certu uniformita` f`dan laspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta` insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta` utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-chart hawn taht:*

*Eta` Vittma Multiplier*

*Massimu*

*0 - 15 = 40*
*16 - 20 = 37*
*21 - 25 = 35*
*26 - 30 =30*
*31 - 35 = 25*
*36 - 40 = 20*
*41 - 45 = 15*
*46 - 50 = 13*
*56 + = 5 jew anqas.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta` Novembru 2012 fil-kawza "**Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Limited**" inghad hekk :-

*"thoss li hemm bzonn ta` certu uniformità f`dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz*

*trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta` insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta` utilità kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-chart hawn taht:*

| *Età Vittima* | *Multiplier* |
|---|---|
| *0 – 15* | *35* |
| *16 – 20* | *33* |
| *21 – 25* | *30* |
| *26 – 30* | *27* |
| *31 – 35* | *22* |
| *36 – 40* | *18* |
| *41 – 45* | *14* |
| *46 – 50* | *11* |
| *51 – 55* | *8* |
| *56 +* | *6* |

**Tenut kont ta` kollox, anke tas-suespost, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta` 23.**

**b) Dhul**

Dwar l-introjtu ta` Ronnie Spiteri, irrizulta mill-FS3 ezebit li l-qliegh annwu tieghu kien Lm 3794 bhala *gross emoluments* bejn l-1 ta` Jannar 2006 u l-31 ta` Dicembru 2006, mentri ghall-perijodu bejn l-1 ta` Lulju 2005 u l-31 ta` Dicembru 2005, is-salarju gross kien ta` Lm 2516.

Il-posizzjoni tal-Qrati taghna – din il-Qorti tghid – gustament – hija li l-fattur rilevanti huwa l-*gross wage* ghaliex it-taxxa fuq id-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali huma rrilevanti ghall-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* billi dawk huma materji li jidhlu fil-kwadru tar-relazzjoni bejn id-danneggjat u l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiz izda certament mhux fil-kuntest tar-relazzjoni bejn id-danneggjant u d-danneggjant.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-bazi tal-kalkolu ghandha tkun il-paga bazika tad-danneggjat, mhux ukoll is-sahra jew *finge benefits* li d-danneggjat ikun jippercepixxi.

Il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta` Jannar 1995 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Gunju 1997) fil-kawza "**Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna**".

Hemm il-Qorti kienet sabet illi l-*overtime* u *allowances* huma elementi incerti li dwarhom ma hemm l-ebda garanzija.

Ikkonkludiet illi l-*overtime* u l-*allowances* ma huma prerogattiva ta` hadd u mhux gust li jitqies li kwalunkwe hlasijiet ta` "*overtime*" u "*allowances*" huma dovuti bid-dritt u bla interruzzjoni minghajr il-possibbiltà` ta` fluttwazzjoni jew varjazzjonijiet minn sena ghal ohra.

Kwindi jsegwi li l-"*overtime*" u l-"*allowances*" ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala parti mill-paga ghall-finijiet ta` likwidazzjoni tal-lukri cessanti.

Hekk ukoll fis-sentenza tal-15 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo**" inghad hekk :-

*din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fil-kawza Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-25 ta` Jannar 2001, kif ukoll ghall-kazistika hemm indikata, fejn intqal li ghall-finijiet tal-esercizju odjern hija l-gross salary li huwa relevanti.*

Dan kien ukoll rifless fis-sentenzi "**Alfred Ciantar vs Godfrey Camilleri et**" tat-30 ta` Gunju 2011, u "**John Peter Stanton vs Schembri and Sons Ltd**"deciza fis-16 ta` Dicembru 2013, fejn dak li tqieset kienet biss il-paga gross.

Fis-sentenza "**Alex Azzopardi vs Anna Ellul et**" (20 ta` Mejju 2013) inghad :-

*Il-Qorti m`ghandhiex timxi fuq kongetturi jew spekulazzjonijiet ta` x`jista` jkun hemm fil-gejjieni ghax ghalkemm ir-rikorrenti pprova jindika karriera fenomenalment tajba b`lukri kbar futuri, ma jista` jkun hemm qatt certezza ta` haga bhal din ghax fil-hajja jista` jkun hemm fatturi kemm pozittivi u kemm negattivi li l-bniedem ma jistax jipprevedihom anke jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta` naha jew ta` ohra.*

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti sejra tikkalkola l-introjtu ta` Ronnie Spiteri billi tqis d-dhul mix-xoghol li kellu bejn l-1 ta` Lulju 2005 u l-31 ta` Dicembru 2005, u nofs l-introjtu li kellu fl-2006. Qed isir hekk ghaliex l-incident sehh fit-tieni xahar tal-2006.

Id-dhul qed jigi kkalkolat fuq il-figura ta` Lm 4,413 ekwivalenti ghal €10,279.53.

Hemm imbaghad il-fattur tal-gholi tal-hajja. Il-Qorti trid izomm saqajha ben sodi mal-art ghaliex huwa fatt maghruf bejn lir-rata ta` inflazzjoni ufficjali ma` dik reali gieli jkun hemm bahar jaqsam minhabba disparita` ta` fatturi.

Fl-assenza ta` regoli statutorji, il-Qorti hija obbligata taghmel gustizzja skont il-kaz li ghandha quddiemha.

Billi l-likwidazzjoni qeghda ssir illum, il-Qorti trid tqis il-fatturi kontingenti tal-lum ghaliex il-Qorti ma tistax taghmel ghamad quddiemha u tinjora kull ma huwa ghaddej fil-klima ekonomika ta` madwarha.

Ghalhekk trid tkun prudenti u sejra tadotta ghall-fini tal-multiplier rata ta` inflazzjoni ta` 20% li jkopri z-zmien kollu.

**Il-bazi allura tkun ta` <u>€12,500</u> ghad-dritt.**

**c) <u>Dizabilita`</u>**

Il-perit mediku stabilixxa debilita` permanenti fl-attur Ronnie Spiteri ta` <u>18%</u>.

Billi din il-kostatazzjoni tikkostitwixxi prova, u hija prova oggettiva, din il-Qorti sejra taghmilha taghha.

**d) *Lump sum payment reduction***

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "**Xuereb noe vs Xuereb pro et noe**" tal-5 ta` Ottubru 1995 intqal li :-

*Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-lump sum payment il-Qorti, fl-iskorti ta` decizjonijiet ohra moghitja minnha kif presjeduta, jidhrilha li …ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta` 20 fil-mija ghall-lump sum payment jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta` 2% ghal kull sena minn dik id-data.*

Fil-kawza "**Caruana vs. Falzon**" li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Ottubru 2001 inghad hekk :-

*"It-tnaqqis mill-persentagg li beda recentement jigi introdott mill-Qrati biex b` xi mod jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji u fil-likwidazzjoni tal-kumpens, hu motivat ukoll mill-fatt li ma hux sal-lum possibli li jigi degretat il-hlas ta` l-imghax mid-data meta giet kagunata l-hsara. Jidher allura li jekk jigi kalkolat li l-valur tal-kapital bl-akkrexximent ta` l-imghax f` investiment ghaqli, ghandu pratikament jirdoppja fi zmien ghaxar snin, ikun gust li l-persentagg ta` ghoxrin fil-mija ghall-lump sum payment jigi ugwalment ridott fuq dan il-perijodu b` rata ta` tnejn fil-mija kull sena mid-data ta` l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza. Hu xieraq ukoll li ma jsir l-ebda tnaqqis fir-rata, fil-kazijiet fejn il-kumpens dovut ikun gie finalment determinat fi zmien ragonevoli…"*

Fil-kawza "**Caruana vs Camilleri"** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta` Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos 2% ghal kull sena ta` dewmien. Inghad ukoll li m`ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza : *"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien talkawza, m`ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction"* – **Agius vs Fenech** 29 ta` Ottubru, 2003."

Fil-kawza "**Mizzi vs Azzopardi"** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fis-16 ta` Dicembru 2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi "**Spiteri vs Zammit Tabona"** deciza mill-Qorti ta` Appell fis-16 ta` Marzu 1999 u "**Caruana vs**

**<u>Camilleri</u>**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar 2004, sar tnaqqis ta` 10% ghax kienu ghaddew 8 snin.

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-incident sehh fl-2006, ir-rikors guramentat kien ipprezentat fl-2008. Ghalhekk il-Qorti sejra tikkalkola l-*lump sum reduction* minn tlett snin wara l-prezentata ta` r-rikors guramentat, ossija 2011.

Per konsegwenza ghandu jkun hemm *lump sum reduction* ta` **<u>10%</u>**.

## e) <u>Likwidazzjoni</u>

L-ghadd tal-*lucrum cessans* huwa ta` **<u>€46,575</u>** :-
€12,500 x 23 x 18% x 90%.

Mal-quantum tal-*lucrum cessans* ghandhom jizdiedu r-*recurrent expenses* ta` **<u>€6,000</u>**.

Ghalhekk it-total tad-danni huwa **<u>€52,575</u>**.

## 2. <u>L-attur Stephen Azzopardi</u>

Azzopardi xehed illi meta waqghet il-gagga, huwa baqa` f`sensih il-hin kollu u ra li saqajh kienu tghawgu lejn ix-xellug filwaqt li l-minkeb ta` idu kien litteralment infaqa`. Spjega li huwa kien ukoll fil-periklu tal-mewt.

Kompla jghid li twieled fis-6 ta` April 1967 u kellu 38 sena fiz-zmien ta` l-incident.

Qal illi skont il-konsulent tieghu huwa sofra 35% bhala dizabilita`, u l-kundizzjoni tieghu kienet mistennija tmur ghall-aghar biz-zmien.

Spjega li meta korra huwa kien jaqla` Lm 2.50c ghal kull *poster* li kien iwahhal. Normalment kien iwahhal bejn 4 sa 6 *posters* kuljum mit-Tnejn sal-gimgha.

Qabel beda jahdem ma` Paza Limited, huwa ghamel 5 snin dizokkupat u kien jghix bil-beneficcji socjali.

Qal illi wara li sehh l-incident Paza Limited hallsitu €7,151 ghaz-zmien kollu li tilef kemm dam korrut ma jistax imur ghax-xoghol. Il-pagament sar mill-assikurazzjoni ta` Paza Limited.

Stqarr illi ma jista` jaghmel l-ebda tip ta` xoghol peress li jimxi bil-bastun u ma ghandux sahha jaghmel lanqas l-affarijiet bazici ta` kuljum.

Qal illi psikologikament jinsab imkisser.

Fisser illi qabel l-incident kien jghix hajja normali.

**A skans ta` ripetizzjoni, il-Qorti sejra tadotta l-gurisprudenza citata fil-kaz tal-attur l-iehor ghall-attur Stephen Azzopardi *mutatis mutandis* ghall-fini ta` likwidazzjoni.**

**i)** ***<u>Damnum emergens</u>***

Ma hemmx provi.

**ii)** ***<u>Lucrum cessans</u>***

**a)** ***<u>Multiplier</u>***

Stephen Azzopardi kellu 38 sena meta gara l-incident.

Il-multiplier tieghu ghandu jkun **19**.

**b)** **Dizabilita`**

Il-Qorti sejra taghmel taghha r-rata ta` dizabilita determinata mill-espert mediku : **30%**.

**c)** **Introjtu**

Fiz-zmien tal-incident, Stephen Azzopardi kien ghadu kif jibda jahdem ma` Paza Limited.

Qabel dak l-impieg, kien jippercepixxi l-beneficcji socjali.

Fil-kaz tieghu, il-bazi tal-*multiplier* ghandha tkun il-paga minima nazzjonali vigenti fis-sena meta sehh l-incident.

Din kienet tammonta ghal €7,010.64.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat meta kienet presjeduta diversament fl-10 ta` Dicembru 2013 fil-kawza "**Spiteri vs Vella**" :-

*Ir-rikorrent kien dizokkupat kemm fid-data ta` l-incident in kwistjoni u sahansitra sal-gurnata tal-lum, u dan irrispettivament mill-griehi minnu sofferti. ... il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta` qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta` paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta` qligh futur, ossia lucrum cessans, li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta` l-eghmil dirett tad-danneggjant.*

*F`dan il-kaz hemm l-aspett li ma kienx hemm telf ta` paga billi r-rikorrent ma kienx jahdem meta sehh l-incident, u anqas illum ma jahdem. Fis-sentenza tat-8 ta` Mejju, 1990 deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet Mario Camilleri vs Mario Borg et noe nghad:*

*"Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija li fil-limiti tar-realtà u kemm huwa possibbli, terga` tpoggi lill-vittma, ta` kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel N Huwa ngust li f`dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha talvittma ta` l-att illegali u ingust ta` haddiehor mhumiex possibbli, ma tassikurax kemm tista` kompensazzjoni adegwata."*

*Ukoll, fis-sentenza deciza minn din il-Qorti (Imhallef David Scicluna) fl-14 ta` Jannar, 2004 fl-ismijiet* *<u>Amabile Azzopardi vs Anthony Xuereb</u>* *[Citaz. Nru. 1123/91] inghad hekk:*

*"Dwar il-lucrum cessans, jirrizulta li l-attur kellu 62 sena meta gara l-incident. Bniedem li hu pensjonant xorta ghandu s-setgha li jahdem, u din is-setgha ghandha wkoll valur ekonomiku. Wara li l-Qorti ezaminat il-provi relattivi u l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, hija tal-fehma li ghall-ghanijiet ta` din il-kawza ghandha tiehu tali valur daqs li kieku kien bhall-paga minima nazzjonali...."*

*Fis-sentenza deciza minn din il-Qorti fl-20 ta` Marzu, 2003 [Citazzjoni Numru. 1017/1995 fl-ismijiet* *<u>Manuel u Shirley Caruana et vs Dottor Tonio Mallia noe]</u>*, *il-Qorti wkoll adottat introjtu ekwivalenti ghall-minimum weekly wage, u meta dan il-kaz kien dwar mara li: "fil-fatt anki qabel l-incident hija ma kienitx tahdem, u tant kienet fi stat hazin ta` sahha, kagun tal-marda li kellha, li l-posizzjoni taghha qabel l-incident giet deskritta mit-tobba bhala li kienet mara bedridden."*

*Hu xieraq ghalhekk li l-introjtu tar-rikorrent ghandu jkun ekwivalenti ghall-minimum weekly wage, li skond l-Avviz Legali 338/2008 li jidhol fis-sehh fl-1 ta` Jannar, 2009 hi ta` €146.47 fil-gimgha ossija €7,616.44 fis-sena."*

Skont in-National Minimum Wage National Standard Order ghall-2005, il-paga minima nazzjonali kienet ta` €129.88c fil-gimgha. Fl-2006 kienet ta` €134.82c.

Fil-fehma taghha, il-bazi tal-*multiplier* ghandu jkun ta` **<u>€8,000</u>** tenut kont ukoll tal-fattur tal-gholi tal-hajja.

**d)** ***<u>Lump sum payment reduction</u>***

Fil-kaz ta` Stephen Azzopardi, il-*lump sum payment reduction* ghandha tkun ta` **<u>10%.</u>**

L-ghadd tal-*lucrum cessans* huwa ta` **<u>€41,040</u>** :-
€8,000 x 19 x 30% x 90%.

Dan igib figura ta` **<u>€41,040</u>**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza kif dedotta kontra l-konvenuta Paza Limited stante cessjoni da parti taz-zewg atturi fil-mori tal-kawza.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamati fil-kawza.**

**Tillibera lill-kjamati fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited stante li kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited.**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jason Zammit.**

**Riferibbilment għall-ewwel talba tal-atturi, tiddikjara li l-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited hija responsabbli għall-incident u konsegwenzjali danni subiti mill-atturi fi grad ta` hamsa u sittin fil-mija (65%) u tiddikjara illi l-konvenut Jason Zammit huwa responsabbli għall-incident u konsegwenzjali danni subiti mill-atturi fi grad ta` hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), minghajr ebda solidarjeta` bejn dawn l-istess konvenuti.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tillikwida d-danni kollha tal-attur Ronnie Spiteri risultanti mill-incident fl-ammont komplessiv ta` tnejn u hamsin elf hames mija hamsa u sebghin Ewro (€52,575) u tillikwida d-danni kollha tal-attur Stephen Azzopardi risultanti mill-incident fl-ammont komplessiv ta` wiehed u erbghin elf u erbghin Ewro (€41,040).**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited sabiex thallas lill-attur Ronnie Spiteri in linea ta` danni s-somma ta` erbgha u tletin elf mija tlieta u sebghin Ewro hamsa u sebghin centezmu (€34,173.75) u sabiex thallas lill-attur Stephen Azzopardi in linea ta` danni s-somma ta` sitta u ghoxrin elf sitt mija sitta u sebghin Ewro (€26,676).**

**Riferibbilment ukoll ghat-tielet talba, tikkundanna lill-konvenut Jason Zammit sabiex ihallas lill-attur Ronnie Spiteri in linea ta` danni s-somma ta` tlettax-il elf mija tlieta u erbghin Ewro hamsa u sebghin centezmu (€13,143.75) u sabiex ihallas lill-attur Stephen Azzopardi in linea ta` danni s-somma ta` ghaxart elef mitejn u sittin Ewro (€10,260).**

**Tordna lill-kjamati fil-kawza sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez tal-konvenuta Paza Limited.**

**Tordna li l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu in kwantu ghal hamsa u sittin fil-mija (65%) mill-konvenuta Roc-A-Go Crane Services Limited, in kwantu ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mill-**

**konvenut Jason Zammit, u in kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mill-atturi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**